# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXII Vol XII Nru. 156 Jannar - Marzu 2011




# *L-Innu Stabat Mater*

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# *Madonna Ta' Pinu*

Perjodiku ta' kull tliet xhur



**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*



**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**

*L-Editur, "Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*



**Abbonament għas-sena 2011:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | € 6.00 |
| *Ewropa* | €14.00 |
| *Barra mill-Ewropa* | €18.00 |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

**Tinsiex iġġedded l-Abbonament għas-sena 2011**

*Sena XXXII Vol XII Nru. 156*
*Jannar - Marzu 2011*





**Ritratti tal-Qoxra**

***Quddiem:*** *Il-Kruċifissjoni,*
M. Rupnik, Politecnico Umberto I, Roma -
F'għeluq is-6 Anniversarju mill-mewt
u fl-okkażjoni tal-Beatifikazzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II
li għallimna kif il-bniedem għandu jorbot it-tbatija tiegħu
mas-Salib ta' Kristu.

***Wara:*** Poster tal-Via Sagra fuq l-Għolja ta' Għammar

***Disinni fil-bidu ta' kull artiklu:***
*Dettal ta' l-iskultura* - Wistin Camilleri,
u Mużajċi li jinsabu fis-*Santwarju Ta' Pinu*

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, George Scerri.*


**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2011
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## *F'din il-Ħarġa...*


**1** Il-Kelma tar-Rettur *Faraġ tal-Imnikktin*

**3** Stabat Mater Dolorosa

**4** Taf x'Qed Titlob: *Riflessjoni fuq it-talba 'Wieqfa kienet imbikkija'*

**7** Eżerċizju ta' Kompassjoni lejn Marija Santissma Addolorata

**8** Il-Verġni Marija, ħdejn is-Salib

**9** Tifkira Sabiħa ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi

**10** Xogħol ta' konservazzjoni fuq il-pitturi ta' Ġużeppi Briffa

**14** Stabat Mater

**16** Skola Marjana

**17** Tislima lill-Qaddej tas-Santwarju Ta' Pinu

**18** Litanija tas-Seba' Duluri tal-Verġni Marija

**19** Stabat Mater

**21** Marija fil-Mużika

**24** Il-Kelma tal-Papa

**26** English Corner *Stabat Mater Dolorosa*

**28** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**30** Marian Stamps around the world

**37** L-Għanja tal-Qaddejja Il 11-il parti

**39** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**40** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


### *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*



**Biex bl-interċessjoni tal-Madonna ssaltan il-paċi fil-pajjiżi ġirien tagħna**




# "Faraġ tal-Imnikktin"

Matul din is sena ser inkomplu ma' dak li bdejna s sena l oħra, jiġifieri li nitfgħu l-ħarsa tagħna fuq antifoni u talb Marjan. F'din il-ħarġa ser nirriflettu fuq innu Marjan mill-isbaħ ta' żmien ir-Randan: l-ISTABAT MATER. Il-Verġni Marija, għalkemm imnikkta, ħdejn is-salib ta' Binha tibqa' wieqfa, fit-tbatija hija ssir ukoll għajnuna, faraġ u qawwa għal Binha li qed joffri ħajtu għas-salvazzjoni tal-bniedem. Mhux ta' b'xejn li fil-Litanija Lawretana wieħed mit-titli li jingħata lil din l-omm imnikkta huwa dak ta' "*Faraġ tal-Imnikktin*".

Ninsabu ngħixu f'dinja fejn qed isir minn kollox biex jitħassar mill-vokabularju tal-ħajja l-kliem: mard, tbatija, swied il-qalb, niket, u fuq kollox mewt. Imma l-esperjenza ta' kuljum tgħidilna ħaġa oħra, tgħidilna li t-tbatija hija parti mill-ħajja umana. Hawn xi bniedem li ma ġarrabx it-tbatija jew in-niket? Żgur li le! Mela l-importanti mhux li naħrab din ir-realta`, iżda li nagħmel minn kollox biex intaffi t-tbatija, biex ngħin lil min qed ibati, biex inkun strument ta' faraġ fost dawk li huma mnikkta.

## Il-Verġni Marija, faraġ tal-imnikktin

Kristu Ġesu` sar għalina s-Salvatur bit-tbatija tiegħu li laħqet tilħaq il-qofol fuq is-Salib. Il-Verġni Marija hija xhud ħaj ta' dan kollu u fl-istess ħin hija wkoll issib il-qawwa tagħha f'din iċ-ċertezza li l-Mulej Ġesu` hu s-Salvatur tal-umanita` u għalhekk hija tingħaqad miegħu f'din l-offerta tiegħu. Infatti fil-*magnificat* hija tfaħħar lil Alla għaliex "il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien" u Alla huwa dak li jieħu ħsieb il-qaddej tiegħu, Iżrael, u għaliex huwa fidil għall-wegħdiet tiegħu (Lq 1, 50-55).

Il-Verġni Marija tkompli bil-mixja tagħha ta' fidi wara Binha, mixja li twassalha anki sa fuq l-għolja tal-Kalvarju. Hawn is-sejf ta' dulur, imħabbar minn Xmun, jinfed il-qalb ta' Marija (Lq 2, 35). Marija mhix biss l-Omm ta' Ġesu`, iżda hija fuq kollox **is-Sieħba tal-Feddej**. U għalkemm bħal kull omm oħra li tara lill-Iben tagħha jmut, qalbha tfur bl-imrar u bin-niket, hija tibqa' **wieqfa ma' ġenb is-salib** (Ġw 19,25). Għax jekk Eva ħadet il-ħajja mill-*ġenb ta' Adam rieqed*, Eva l-Ġdida, il-Verġni Marija, issib il-ħajja u l-faraġ meta *tibqa' wieqfa ma'*



*ġenb Kristu* msallab fuq is-siġra tal-ħajja. Hija ma tiddisprax, ma tintefax mal-art, iżda tibqa' wieqfa!

X'inhu dak li jżommha daqshekk soda? F'dan il-mument l-aktar iebes tal-ħajja tagħha, Marija ma titfax il-ħarsa tagħha lejn l-art, iżda 'l fuq, ħarsitha hija fissa fuq Kristu, is-Salvatur tagħha, u fih mill-ġdid hija ssib il-qawwa u l-faraġ.

Hawn ta' min ifakkar li għall-evanġelista Ġwanni, li titfa' ħarstek fuq Kristu jfisser tħares lejn Kristu mhux aktar bl-għajnejn tal-ġisem, iżda bl-għajnejn tal-fidi; ifisser tagħmel att ta' fidi fih bħala s-Salvatur tiegħek u tal-umanita`. Iva, dan il-mument tal-akbar niket ta' Marija jinbidel f'mument ta' Fidi Erojka. Għal Marija Addolorata jgħoddu wisq tajjeb il-kelmiet tal-Appostlu Missierna San Pawl: "Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, l-għera, it-tiġrib, ix-xabla? ...Jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesu` Sidna" (Rum 8, 35-39).

Hadd u xejn ma kellu l-ħila jifred lill-Verġni Marija minn Kristu, lanqas is-Salib; anzi l-esperjenza tas-salib u tal-mewt ta' Kristu kienet għaliha mument tal-akbar faraġ u għaqda intima miegħu. Marija ssib il-faraġ fi Kristu msallab, u Kristu msallab isib il-faraġ fil-preżenza ħajja ta' ommu, u għalhekk minn fuq is-salib huwa jixħet ħarstu fuq ommu u fuq id-dixxiplu l-maħbub u jgħidlu: "Hawn hi ommok" (Ġw 19, 27). Kristu jagħti lil ommu lid-dixxiplu l-maħbub biex issa hu jkun jista' jsib fiha l-faraġ. Dik li suppost hija l-Omm l-imnikkta, issa tibda tissejjaħ **Faraġ ta' l-imnikktin!**

L-Addolorata ssib il-faraġ li jiġi mill-fidi fi Kristu. U meta Nikodemu u Ġużeppi minn Arimatija jidfnu lil Ġesu` f'qabar ġdid, il-fidi ta' Marija ma tindifinx, iżda tibqa' ħajja fi Kristu. Hija temmen li l-mibegħda, it-tbatija, is-salib u l-mewt qatt ma jistgħu jirbħu fuq il-ħniena, il-maħfra u l-imħabba! Temmen li l-mewt tintrebaħ bil-qawmien għall-ħajja, temmen li d-dlam jintrebaħ mid-dawl veru li huwa Kristu Ġesu`. Dak li San Pawl jgħid għalih innifsu, bla dubju ta' xejn nistgħu ngħiduh għal Marija, għaliex minnha twieled Kristu, il-faraġ tal-umanita`. Hekk jikteb Pawlu lill-Knisja ta' Korintu: "Hu jfarraġna fil-hemm kollu tagħna, biex aħna, permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġ lilna, inkunu nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' hemm. Bħalma joktru fina s-sofferenzi ta' Kristu, hekk ukoll permezz ta' Kristu, joktor fina l-faraġ. In-niket tagħna jservi għall-faraġ u s-salvazzjoni tagħkom" (2 Kor 1, 4-6). Is-sieħba u l-faraġ tal-Feddej issir is sieħba u l-faraġ tal-umanita`.

Il-fidi ta' Marija fi Kristu Rxoxt tkun għaliha għajn tal-akbar faraġ! Dan kollu jfissru tant tajjeb fi ftit kliem il-Prefazju tal-Quddiesa "Il-Verġni Marija Omm il-Faraġ" meta jgħid:

*"Wieqfa ħdejn is-salib ta' Binha f'baħar ta' niket*
*kellha minn għandek il-faraġ tat-tama tal-qawmien tiegħu mill-imwiet".*

Għażiż qarrej, mela meta tħabbat wiċċek mat-tribulazzjonijiet, mal-mard u t-tbatija, mal-għeja u l-qtugħ ta' qalb, meta tħossok waħdek, iddisprat u moħħok bħal jiddallam, meta tħoss li qed taħkmek id-diqa tal-mewt, bħal San Bernard jiena ngħidlek: "Ħares lejn il-kewkba", ħares lejn Marija, sejħilha mill-fond ta' qalbek muġugħa, ħa tkun għalik il-faraġ u s-sliem ta' qalbek! ◆

# STABAT MATER DOLOROSA



Wieqfa kienet, imbikkija,
l-Omm ħdejn Binha
fit-tbatija, fuq salib imdendel.

Ta' din l-Omm il-qalb maqsuma
f'dak l-imrar bl-uġigħ mitmuma,
nifed sejf in-niket.

Kemm tbatija f'qalb muġugħa,
liema dwejjaq li jifnuha
ħasset l-Omm imbierka!

X'weġgħa ġarrbet u x'kefrija
meta ratu fit-tbatija
l-Omm lil Binha, Alla!

Qalb kull bniedem tħoss għaliha
lil Omm Kristu, u kemm tibkiha
x'ħin tarah f'dil-ħasra!

Min ma jħossx id-dwejjaq tagħha
x'ħin ta' Kristu l-Omm jilmaħha
f'niket kbir ma' Binha?

Għad-dnubiet tal-poplu l-ħati,
lil Ġesù hi ratu jbati
taħt is-swat bla ħniena.

Rat lil Binha u baqgħet miegħu
f'dak l-imrar tal-mewta tiegħu
waqt li ħarġet ruħu.

Omm u għajn ta' mħabba għalija,
ġagħalni nħoss dik it-tbatija,
biex jien nibki miegħek.

Kebbes f'qalbi nar ta' mħabba,
la tħalliha qatt tittabba'
imħabbti għal Kristu.

Omm qaddisa, isma' talbi:
dawk il-pjagi qegħedli f'qalbi
t'Ibnek Ġesù msallab.

Aqsam miegħi dit-tbatija
għal Ġesù, li mħabba fija
xerred demmu kollu.

Ħdejn Ġesù nibki dnubieti,
fis-salib nara ħtijieti
sakemm ngħix dil-ħajja.

Kemm nixtieqni nibqa' miegħek
mas-salib, u fid-dmugħ tiegħek
nissieħeb minn qalbi.

Verġni mbierka, Omm qalbiena,
uri miegħi din il-ħniena,
biex inħoss l-indiema.

Mewt Ġesù qegħedli quddiemi
fuq il-pjagi jkun biss kliemi
u l-Passjoni tiegħu.

Ġagħalni nħoss il-pjagi fija,
is-salib u kull tbatija,
u nissaffa b'Demmu.

Verġni mbierka, ieqaf miegħi
f'Jum il-Ħaqq, biex fit-tmiem tiegħi
fin-nar qatt nintilef.

Bis-salib fit-triq wennisni,
u b'mewt Ibnek, Omm, ħarisni,
żommni sħiħ fil-grazzja.

Meta jmut dal-ġisem fqajjar,
agħmel int li jien nittajjar
lejn is-sebħ tal-Ġenna.
Ammen.



# Taf x'qed Titlob?...

## Riflessjoni fuq it-talba "Wieqfa kienet imbikkija"

*minn Dun Alex Refalo*

It-talba tal-i*Stabat Mater* hija kontemplazzjoni tad-duluri ta' Marija. Kienu ħafna dawk l-erwieħ qaddisa li matul is-sekli mmeditawha b'devozzjoni kbira. San Ġużepp Orieol, qaddis Spanjol li miet fl-1702, meta kien fuq is-sodda tal-mewt talab lil dawk li kienu ħdejh biex jitolbu miegħu l-***iStabat Mater***.

Hija talba maqsuma f'żewġ partijiet: fl-ewwel parti hemm deskrizzjoni tas-sofferenzi ta' Marija waqt il-mumenti tal-Passjoni u l-Mewt ta' Binha: ***"Kemm tbatija f'qalb muġugħa,/ liema dwejjaq li jifnuha/ ħasset l-Omm imbierka"***; it-tieni parti tikkonsisti f'invokazzjoni lilha biex tagħmilna parteċipi mid-duluri tagħha: ***"Omm u għajn ta' mħabba għalija,/ ġ'għalni nħoss dik it-tbatija"***. Ir-raġuni ta' dan kollu hija t-tama li naqsmu wkoll magħha fil-glorja tas-sema. Fuq kollox din hija s-sejħa tagħna: "Alla li jagħti kull grazzja, li sejħilkom għall-glorja tiegħu ta' dejjem fi Kristu" (1 Pt 5,10).

* * * *

***"Wieqfa kienet, imbikkija,/ l-Omm ħdejn Binha, fit-tbatija,/ fuq salib imdendel."*** Tinsab taħt is-salib ta' Binha, il-post ta' l-ikbar tbatija! "Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu..." (Ġw 19,25). Tinsab hemm, wieqfa, b'dinjità, bla maċċaqlaq għajnejha minn fuq dak is-sagrifiċċju li qed jiġi offrut lill-Missier u lill-umanità.

***"X'weġġħa ġarrbet u x'kefrija/ meta ratu fit-tbatija/ l-Omm lil Binha, Alla!"***. Ma kintix mimlija b'kuraġġ ta' sur bħal dawk l-eroj tal-istorja. Tinsab hemm wieqfa fit-tbatija, ma ċċedix, ma tintelaqx, għalkemm mifnija u fraġli bid-dulur. Tgħid ma ġihiex ukoll il-ħsieb ġewwa moħħha: *"Jekk huwa l-Iben t'Alla, għaliex qed imut b'dal-mod, bħal kriminal?"*. Dan "il-għaliex" kien marbut ma' "il-għaliex" ta' Binha li fl-istess waqt qed itenni: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, *għaliex* tlaqtni?" (Mk 15,34). Qiegħda tgħix il-kelmiet tal-Iskrittura: "Kemm tassew ħadd ma jista' jgħarbel il-ġudizzju tiegħu u jifhem it-triqat tiegħu!" (Rum 11,33). Santu Wistin ukoll jgħid li jekk wieħed jaħseb li fehem kollox dwar Alla, allura dak ma jkunx il-veru Alla.

Il-Vanġeli jgħidu li fis-siegħa tal-mewt ta' Ġesù "waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu" (Mt 27,45). Din id-dalma waqgħet ukoll fuq Marija. Il-fidi wasslitha wkoll sa dak il-wied mudlam li dwaru jikellem s-Salm 23.

***"Ta' din l-Omm il-qalb maqsuma/ f'dak l-imrar bl-uġiegħ maqsuma/ nifed sejf in-nket"***. Wara erbgħin jum mit-twelid ta' Binha saret taf li hu kellu jkun sinjal ta' kuntradizzjoni: "Ara....se jkun sinjal li jmeruh, u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek!" (Lq 2, 34-35). Min jaf kemm drabi dik ix-xbieha tas-sejf ġiet quddiem għajnejha... fil-ħarba lejn l-Eġittu; meta l-kapijiet tal-Lhud kienu qed ifittxu biex joqtlu lil Binha; meta l-istess qrabatu ħasbu li tilef moħħu (ara Mk 3,21); meta n-nies stmati f'Iżrael qalu "għandu fih xitan" (Mk 3, 22); meta "anqas ħutu ma emmnu fih" (Ġw 7,5)..! Ma kenux dawn sjuf, jinfdu l-qalb ta' omm? U dan kollu ma kien xejn għajr tħejjija għall-ikbar sejf ta' niket, dak tas-salib!

* * * *

It-tieni parti li fiha tnax-il strofa tikkonsisti fi djalogu ma' Marija: ***"Ġgħalni nħoss dik it-tbatija"***, ***"Kebbes f'qalbi nar ta' mħabba"***, ***"Omm qaddisa, isma' talbi"***... Hija itwal mill-ewwel parti li tgħodd biss tmien strofi.

L-istedina issa hija biex aħna wkoll inkunu nistgħu naqsmu magħha t-tbatijiet: ***"Kemm nixtieqni nibqa' miegħek/ mas-salib, u fid-dmugħ tiegħek/ nissieħeb minn qalbi"***. Hija l-imħabba tagħna lejha imma wkoll hija t-tama fis-sejħa ta' kull Nisrani li jkun magħha fil-Ġenna. Filfatt l-aħħar strofa ta' din it-talba tgħid: ***"Meta jmut dal-ġisem fqajjar,/ agħmel int li jien nittajjar/ lejn is-sebħ tal-Ġenna"***.

Magħha fit-tbatija, magħha fil-glorja: "Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll: jekk insofru bis-sabar *(bħalma għamlet Marija)*, għad insaltnu miegħu wkoll" (2 Tim 2,11-12). Marija tkompli mbagħad timliena biċ-ċertezza li dawn "it-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-glorja li għad trid tidher fina" (Rum 8,18).

* * * *

It-tradizzjoni tal-Knisja dejjem sejħet lil Marija bħala Ommna. Il-kelmiet "Hawn hi ommok" (Ġw 19,27) li ntqalu lil Ġwanni, jingħadu għal kull Nisrani, dixxiplu ta' Ġesù. It-tbatijiet kbar ta' dik l-omm lejn Binha, huma l-istess tbatijiet li qed iġġarrab għal uliedha li jinsabu mbiegħda





minn Binha bid-dnub u li tilfu l-veru ferħ tal-qalb. Id-dulur tagħha jingħaqad ukoll mad-dulur tal-ommijiet kollha li qed ibatu minħabba wliedhom.

F'ħafna pitturi, fix-xena ta' Marija taħt is-salib, narawha miżmuma minn xi nisa li kienu magħha. F'dawk il-mumenti ta' dalma Marija kellha wkoll il-bżonn ta' min isostniha, ta' min jgħinha. Taf għalhekk Marija bil-bżonn li aħna wliedha nkunu sostnuti minnha, ommna, speċjalment waqt id-duluri tagħna. U issa fil-fedelta` tagħha waqt it-tbatija kienet fl-istess waqt sostenn għal Ġwanni biex hu wkoll jibqa' fidil hemmhekk, taħt is-salib.

* * * *

- Eżerċizzju li nistgħu nagħmlu huwa li nerġgħu naqraw l-istrofi kompluti tal-i*Stabat Mater* misjuba f'paġna 3 ta' din il-ħarġa u, filwaqt li nippruvaw inħossu ma' Marija d-duluri tagħha nixxenqu għall-intimità ma' Binha Ġesù li din it-talba trid twassalna għaliha. Kif kienet grazzja għal Marija li tbati għal u ma' Binha, għaxx: "lilkom ngħatat il-grazzja li sservu lil Kristu, mhux biss temmnu fih, imma saħansitra tbatu għalih" (Fil 1,29), hekk inkunu aħna nittallbu din il-grazzja permezz ta' Marija. Nitolbuha timliena bil-kuraġġ, bil-qawwa, bis-sabar, bil-grazzja, bl-imħabba li kellha hi quddiem is-salib hija u tirrepeti: "Ha jsir minni skont kelmtek" (Lq 1, 38).

- Eżerċizzju ieħor jista' ikun dak taħt indikat li jsir mill-membri tas-Soċjetà tal-MUSEUM fil-lejl ta' kull nhar ta' Ġimgħa. Tfassal minn San Gabrijel tal-Addolarata u San Ġorġ Preca rrakkomandah lill-membri kollha. L-eżerċizzju jissejjaħ "Eżerċizzju ta' Kompassjoni". Kompassjoni ġejja minn żewġ kelmiet bil-Latin *cum* (ma') u *passio* (tbatija), li jfissru "tbati ma' xi ħadd". F'Marija Alla jagħti l-grazzja lill-ħlejqa li tipparteċipa fis-sofferenzi redentivi tiegħu.

***Fil-ħarġa Nru 140 ta' Jannar-Marzu 2007, il-mibki Isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi kiteb kummentarju teoloġiku ta' din it-talba.***

# EŻERĊIZZJU TA' KOMPASSJONI LEJN MARIJA SANTISSMA ADDOLORATA



## I. NARRAZZJONI

Wara li l-Iben waħdieni tal-Verġni Mbierka Marija Santissma ġie mqiegħed u magħluq fil-qabar, allura din, flimkien mal-Appostlu Ġwanni u ma' Marija Madalena u mat-twajba nisa l-oħra, reġgħet lura f'darha, u hawn għaddew il-lejl flimkien.

## II. IMMAĠINATTIVA

Kamra fqira, l-armla Omm Verġni bilqiegħda fuq is-sodda, Ġwanni, Marija Madalena u n-nisa l-oħra li kienu preżenti għall-mewt kiefra ta' Ġesù Kristu, bilqiegħda wkoll fl-istess kamra, iħarsu kultant lejn l-Omm Santissma fid-dawl ta' musbieħ fi skiet l-aktar kbir.

## III. SFILATA TA' ĦSIBIJIET

Fil-ħemda ta' dak il-lejl tassew ta' niket, l-Omm Santissma, mingħajr ma tagħlaq għajn ma' għajn għall-impressjonijiet kbar tagħha fuq il-mewt traġika ta' Binha, f'dik il-velja tilmaħ għaddejjin sfilati quddiem il-moħħ tagħha ħaġa ħaġa l-ħwejjeġ kollha li ġraw taħt għajnejha mal-jum: folol ta' nies, għajat, dalma tax-xemx, salib, imsiemer, lanza, suldati, sponża, ħbula, bieqja tal-ħall, il-libsa maqsuma f'erba' biċċiet, iċ-Ċenturjun, Ġużeppi ta' Arimatea, Nikodemu, qabar, lożor, kitba, it-trasport għad-difna, il-korp divin kollu ġrieħi u bla sura fi ħdanha.

Tisthajjel li qiegħda wieqfa maġenb Binha msallab tisimgħu jitlob għall-maħfra ta' dawk li sallbuh; li qiegħda tisimgħu jiżgura l-Ġenna lill-ħalliel ikkonvertit li kien ċanfar lil sieħbu li ddisprezza lil Ġesù; tisthajjel li qiegħda tisma' 'l-Iben maħbub tagħha jgħidilha biex tieħu b'iben tagħha lil Ġwanni u lil Ġwanni jgħidlu li lilha jieħu b'Omm tiegħu; li qiegħda tisimgħu jgħid lill-Missier tiegħu: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex abbandunajtni?"; li qiegħda tara s-suldat iqiegħed max-xufftejn ta' Ġesù sponża bil-ħall għall-kelma "Għandi l-għatx"; tisthajjel li qiegħda tisma' 'l-aggunizzant Iben tagħha f'baħar ta' disprezz u wġigħat jgħid: "Huwa mitmum"; tisthajjel li qiegħda tisma' l-għajta l-kbira: "Missier, f'idejk nerħi l-ispirtu tiegħi", u li tarah ibaxxi rasu u jmut. O x'lejl!

Tisthajjel li qiegħda tara s-suldati jiksru saqajn iż-żewġ ħallelin li kienu msallbin wieħed kull naħa maġenb Kristu, u li tara wieħed mis-suldati jgħaddas fil-kustat divin lanza u jislitha b'ċarċir ta' demm u ilma. Tisthajjel li qiegħda tara 'l kulħadd imwerwer bil-biża' għad-dalma u għat-terremot u jħabbtu fuq sidirhom jirritornaw lejn djarhom. Tisthajjel li qiegħda tħoss il-piż tal-ġisem mejjet ippjagat fi ħdanha.

Tisthajjel li qiegħda tara 'l Ġużeppi ta' Arimatea u 'l Nikodemu jeħduh minn ħdanha, jidilkuh bl-ingwent u jaħbuh fil-liżar. Tisthajjel li qiegħda bħall-armla ta' Najm tassoċċja fl-akkumpanjament għad-difna. Tisthajjel li qiegħda tara l-ġebla taħbilha għal kollox l-oġġett ta' qalbha. Tisthajjel li qiegħda terġa' tara u tisma' kollox fir-ritorn lejn darha minn dawk in-naħiet. O x'lejl għal Marija Santissma! O x'ripetizzjoni kiefra!

## IV. KONKLUŻJONI

Inti, o midneb, tista' ma tarax kemm huwa ikrah id-dnub, u kemm għandek raġun tħobb lil din l-Omm li permezz tagħha ġie mogħti lilna l-Feddej u s-Salvatur tal-bnedmin? Jista' jkun li ma titgħallimx quddiemha sabiex tapprezza s-sofferenzi li jissieħbu neċessarjament mal-ħajja ta' kull bniedem?

## V. TALBA

O Verġni Mbierka, bis-setgħa tiegħek agħmel li l-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu Ibnek u d-Duluri tiegħek ma jkunux bla frott għalija. Ammen.

---

***Nota:*** San Gabrijel tal-Addolorata jgħid: *Marija Santissma tgħodd ruħha midjuna lejn min jagħmel dan l-eżerċizzju.*

# Il-Verġni Marija, ħdejn is-Salib

**minn Patri Anton Farrugia ofm**




Fi żmien ir-Randan, l-Insara jħejju ruħhom biex jiċċelebraw kif jixraq il-misteru tal-Għid, billi jimxu wara Kristu t-triq lejn Ġerusalemm, fejn fuq is-salib joffri lilu nnifsu għas-salvazzjoni tad-dinja.

Permezz tal-Liturġija mqaddsa, il-Knisja tagħmel preżenti l-misteru tal-Mewt u l-Qawmien tal-Mulej u tgħix dan il-misteru bil-fidi u l-imħabba. F'din il-mixja tar-Randan, il-Liturġija turina l-Verġni Marija bħala eżempju tad-dixxiplu li jimxi wara Kristu t-triq li twassal sa fuq il-Kalvarju biex jissieħeb miegħu fil-mewt tas-salib.

Diversi Knejjes partikulari u Istituti Reliġjużi għandhom formularji ta' Quddies li jagħtu ġieħ lill-Omm Verġni msieħba fil-Passjoni ta' Binha Ġesu`. Hawnhekk se nagħtu ħarsa lejn iż-żewġ Quddisiet li nsibu fil-*ġabra ta' Quddies f'ġieħ il-Verġni Marija.*

Il-bidu tat-II Quddiesa jfakkarna fil-Profezija li x-xwejjaħ Xmun kien għamel dakinhar tal-Preżentazzjoni ta' Ġesu` tarbija fit-Tempju, meta ħabbar li l-Mulej kien se jkun sinjal li jmeruħ u li sejf ta' niket kellu jinfed il-qalb ta' ommu Marija.

Il-żewġ kolletti jfakkruna fil-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tad-dinja, liema Pjan seħħ permezz tal-Passjoni u l-Mewt ta' Kristu fuq is-salib u li ssieħbet fih mill-qrib ommu Marija. Ir-referiment għall-Madonna bħala *Eva ġdida* huwa ċar; kif permezz ta' mara daħlet il-mewt, hekk ukoll permezz ta' mara oħra, li sewwiet *il-ħsara li ġarrab il-bniedem imqarraq mix-xitan,* aħna lkoll ksibna l-ħajja li konna tlifna bid-dnub (ara *Lumen gentium,* 56).

L-Evanġelju skont San Ġwann (19, 25-27) jgħidilna li Marja kienet wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesu` *mżejna mill-fidi, qawwija fit-tama u mħeġġa bin-nar tal-imħabba* (vers qabel l-Evanġelju).

Dak li seħħ darba għal dejjem fil-Passjoni ta' Kristu, il-Liturġija terġa' tagħmlu preżenti fiċ-ċelebrazzjoni hija u titlob li *permezz tas-sagrifiċċju tal-artal, li fih tissieħeb il-Verġni Omm Alla, dnubietna jitħassru u jinfetħilna l-bieb tas-sema* (Talba fuq l-Offerti).

Marija tidher mill-ġdid quddiemna fil-Prefazju bħala *Eva ġdida li tieqaf ħdejn is-salib ta' Adam il-ġdid.* Il-Verġni mqaddsa li *bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu saret omm Kristu, ssir sieħba fil-Passjoni tiegħu b'don ġdid tat-tjieba tal-Missier* u l-uġigħ li ma ħassitx meta tat it-twelid lill-Iben t'Alla ħassitu bil-wisq iżjed hija u tagħti twelid ġdid lilna għalih.

Jekk il-qaddisin martri bil-mewt tagħhom issieħbu fis-Sagrifiċċju waħdieni ta' Kristu, kif

irid ifisser tant tajjeb l-użu liturġiku tat-tqegħid tal-fdalijiet tal-ġisem imqaddes tagħhom taħt l-artal, Marija tissejjaħ hienja għax *mingħajr ma tawha l-mewt, kisbet il-kuruna tal-martirju wieqfa ħdejn is-salib tal-Mulej,* kif ittenni l-ewwel antifona tat-Tqarbin. Ha jifirħu d-dixxipli ta' Kristu, għax meta jissieħbu fit-tbatijiet tiegħu, kif tgħid l-antifona l-oħra tat-Tqarbin, huma u jerfgħu s-salib tagħhom ta' kuljum, jiftakru li bħal Marija huma wkoll għad jiksbu l-kuruna tal-glorja minsuġa minn ward li qatt ma jidbiel.

It-tema tal-misteru tal-Passjoni ta' Kristu li b'mod misterjuż ikompli *fil-membri tal-ġisem tiegħu mġarrbin min-niket tal-ħajja u minn hemm bla qies* insibuha wkoll fil-kolletta tal-ewwel Quddiesa li tiċċelebra lill-Verġni Mqaddsa Marija *msieħba ma' Kristu l-Qassis il-Kbir fis-sagrifiċċju tiegħu fuq l-artal tas-salib* (ara t-Talba fuq l-Offerti u wara t-Tqarbin).



Fil-Madonna seħħew *ix-xbihat tal-imgħoddi* għax kif jingħad fil-Prefazju, il-Verġni Mbierka, minbarra li tiddi bħala Eva l-ġdida, *ittemm il-misteru tal-Omm Sijon, għaliex bil-mewt ta' Kristu, il-bnedmin li kienu mxerrda, reġgħu nġabru flimkien.*

F'dan is-sens ukoll li ħdejn is-salib Marija ssir *xbieha tal-Knisja li hija u tikkontempla l-Omm Verġni qalbiena, iżżomm sħiħa l-kelma li tat lill-Għarus tagħha, la mbeżżgħa mit-theddid u lanqas imfarrka mill-persekuzzjonijiet.*

Imma l-Knisja f'Marija tara wkoll dak li tittama li tkun fil-glorja tas-sema. Id-destin ta' kull Nisrani huwa l-istess wieħed tal-Madonna, li wara li ssieħbet ma' Kristu fit-tbatija u l-mewt tiegħu, ġiet imtellgħa ħdejh fis-sema, biex ikollha sehem mill-ewwel mill-glorja tal-Qawmien tiegħu mill-imwiet. ♦



## Tifkira sabiħa ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi

**Ir-Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu flimkien mas-Saċerdoti kollaboraturi, jixtiequ jroddu ħajr lill-Familja Cauchi għar-rigali li għoġobhom joffru bħala tifkira tal-qatt minsi Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u bħala sinjal tar-rabta u l-imħabba kbira li l-Isqof Cauchi kellu lejn il-Madonna Ta' Pinu.**

**Illum dawn l-oġġetti jinsabu esebiti fil-Mużew tas-Santwarju.**



# Xogħol ta' konservazzjoni fuq il-pitturi ta' Ġużeppi Briffa

mill-Kanoniku Charles Vella,
artista, konservatur u restawratur tal-arti.

Bil-proċess ta' konservazzjoni fuq il-pitturi ta' Ġużeppi Briffa, li jagħmlu parti importanti mill-kollezzjoni ta' *pitturi preparatorji* għall-mużajċi fis-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu f'Għawdex, issa tlestiet l-ewwel parti ta' dan l-proġett. Meta ngħidu *pitturi preparatorji*, infissru li dawn qatt ma tpittru bl-għan li jitwaħħlu fis-santwarju iżda ġew impittra bl-iskop li fuqhom jiġu prodotti l-mużajċi li jinsabu jżejnu l-korsija tas-Santwarju Ta' Pinu.

F'dawn l-ewwel kwadri, li huma ta' daqs konsiderevoli, madwar ħames piedi bi tmienja, fiċ-ċentru għandek dejjem il-Madonna bilqiegħda fuq tron, imdawra bil-martri, bl-Appostli u bl-anġli, li jiffurmaw parti mil-Litanija Lawretana, fejn il-Verġni Mbierka tiġi msejħa Sultana tal-Martri, tal-Appostli, tal-Anġli u tkompli litanija sħiħa ta' invokazzjonijiet.

Din l-eżekuzzjoni ta' xogħol li tirrifletti l-epoka li fih sar, jiġifieri t-tieni parti tas-seklu għoxrin, u li tikkomplimenta t-tempju maestuż u sabiħ f'ġieħ il-Verġni Mbierka bi stil Romanesk, hi ddisinjata bi ħlewwa u mpittra bi grazzja, b'kuluri ndaf, bl-użu ta' kuluri fuq bażi ta' tempera, jiġifieri mhux impittra biż-żejt, u qatt ma kellha verniċ finali fuqha.

Minħabba li ma kellhomx verniċ finali mill-artist innifsu, kif normalment

il-pitturi jkollhom, u l-fatt li huma bażi ta' kuluri tempera, jiġifieri taħlita fuq bażi ta' kuluri tat-trab u l-materjal li jwaħħal it-trab tal-kulur u ilma; u minħabba l-ħmieġ u l-moffa li akkumulaw fuqhom minħabba li kienu kkonservati mhux f'postijiet adegwati biżżejjed, ma kienx faċli t-tindif fuqhom, minħabba d-delikatezza tal-kuluri; u bla verniċ protettiv, is-solventi diretti mal-kulur oriġinali jagħmlu dan il-proċess ta' tindif aktar delikat, u jieħu aktar xogħol fit-tul.

Dan kien jitlob ħafna ħsieb u provi ta' riċetti ta' solventi differenti sakemm jinstab is-solvent edegwat. Jidher ukoll li l-konsistenza tal-kuluri tvarja min kwadru għall-ieħor, għalhekk dak li jidher soluzzjoni fi kwadru mhux neċessarjament huwa l-istess fuq l-ieħor.

Ir-riżultati ta' dawn il-kwadri li għamilna sa issa huwa tajjeb u sodisfaċenti f'dak li jirrigwarda tindif u l-bqija. Meta wieħed jarahom ħa japprezza aktar il-ġmiel tagħhom.

It-tieni parti tal-proċess f'dawn l-ewwel kwadri huwa l-*istrip lining*, jiġifieri fit-truf ta' dawn il-pitturi li kienu mramblin titwaħħal strixxa ta' tila apposta biex ikunu jistgħu jitwaħħlu fuq tilari apposta b'espansjoni mekkanika li tagħmel faċli li tistira t-tila fuq dawn it-tilari b'mod l-aktar tajjeb u eleganti fl-istess ħin.

Dan il-proċess ukoll huwa delikat ħafna, għalkemm fi kliem jidher faċli; dan għall-fatt li t-tila oriġinali, li hija bażi ta' tajjar, *cotton canvas*, ma tiħux gost b'kull likwidu, għax tixrob u toħloq diformazzjoni tat-tila oriġinali. Apparti li għandek il-kuluri tal-pittura li kull likwidu li ma jevaporax, bħas-solventi li jnaddfu l-kwadru, jista' jtebba' l-kuluri jew iċaqlaqhom. Hawn, wara konsulti professjonali minn awtoritajiet istituzzjonali, rajna li l-aħjar kolla ta' natura riversibbli għandha tkun sintetika, b'konsistenza *gel form* li tevapora u tagħti adeżjoni ta' ċerta saħħa biex tista' tiġbed it-tila mat-tilar mingħajr ma tinqala'.

Fl-aħħar tiġi stabbilita l-integrazzjoni pittorika, li fejn hemm xi tbajja qawwija ħafna tal-moffa li ma jmorrux bit-tindif, li sa issa ma jidhirx li għandna problemi ta' hekk, kif ukoll fejn hemm xi kulur li ntilfu mal-ħsarat ta' matul iż-żmien, jiġu integrati bl-istess mod, biex ikun hemm armonija pittorika.









Li għandna qed nistabbilixxu, peress li qatt ma kellhom verniċ, iżda issa wara l-interventi ta' tindif huwa neċessarju bħala protezzjoni, hu liema l-aħjar verniċ li nistgħu nużaw. Dan għall-fatt li hemm ħafna verniċijiet finali professjonali għall-pitturi, iżda rridu nsibu l-aħjar; li mhux biss ikun riversibbli, iżda aktar durabbli, u ma jisfarx maż-żmien. Dan il-verniċ speċjali huwa neċessarju biex qatt ma jkollu bżonn jerġa' jitneħħa. F'dan il-proġett nieħdu dejjem f'konsiderazzjoni speċjali li nużaw l-aqwa prodotti professjonali li jkun hawn fis-suq internazzjonali.

Nixtieq ngħid grazzi lill-amministrazzjoni tas-Santwarju Ta' Pinu li f'dawn l-aħħar snin ġew restawrati l-pitturi preparatorji għall-mużajċi ta' Emvin Cremona mir-restawratur Godwin Cutajar. Illum wieħed jista' jammira s-sbuħija tagħhom fil-Mużew tal-istess Santwarju. Issa tat bidu għal din il-biċċa xogħol oħra ta' restawr fuq it-tnax-il pittura ta' Ġużeppi Briffa. Sintendi dan qed isir possibbli minħabba li nkisbu fondi mill-Unjoni Ewropea taħt il-proġett: "Niskopru Turiżmu Kulturali u Reliġjuż f'Għawdex". Nittamaw li fi ftit ta' żmien ieħor wieħed ikun jista' jammira mill-ġdid is-sbuħija tax-xogħlijiet ta' dan l-artist Malti, Ġużeppi Briffa.♦



EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
MALTA 2007-2013

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
*Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life*
Contract part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 72.25% EU funds; 12.75% National Funds; 15% NGOs

***Investing in your future***

**Proġett: "Niskopru Turiżmu Kulturali u Reliġjuż f'Għawdex - ERDF 140"**

# GĦIN fir-restawr bid-donazzjoni tiegħek...



Ix-xogħol tar-restawr fuq id-dar fejn kienet tgħix Karmni Grima beda. Nittamaw li dan ix-xogħol ma jdumx ma jitlesta biex b'hekk din id-dar terġa' tinfetaħ bħala mużew bl-istorja tas-Santwarju Ta' Pinu.

Beda wkoll, kif tistgħu taqraw f'din il-ħarġa, ir-restawr ta' tnax-il pittura ta' Ġużeppi Briffa.

Dan ir-restawr qed jiġi ffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) 2007-2013

Ma' dawn il-fondi s-Santwarju Ta' Pinu jrid joħroġ is-somma ta' €60,000.



Bid-donazzjoni tiegħek tista' tgħin biex tintlaħaq din is-somma u jitlesta x-xogħol ta' restawr.

Id-donazzjoni jistgħu jintbagħtu b'ċekk indirizzat:
**Santwarju Ta' Pinu**
**Triq Ta' Pinu,**
**Għarb GRB 1704, Għawdex.**

*Ma' kull donazzjoni ta' €50.00 jingħata kwadru ta' tifkira tad-Dar ta' Karmni Grima*

# TINSIEX IĠĠEDDED




## *l-Abbonament għas-Sena 2011*
## fir-rivista "MADONNA TA' PINU"
### *Rivista Marjana mis-Santwarju Ta' Pinu*

- **4 darbiet fis-sena**
- **Artikli u tagħlim mill-isbaħ dwar il-Verġni Marija**
- **Aħbarijiet mis-Santwarju Ta' Pinu**
- **Informazzjoni dwar Bolli Marjani**
- **Artikli bl-Ingliż**

## Abbonament għas-sena 2011
Lokali: **€6.00** ♦ Ewropa: **€14.00** ♦ Barra mill-Ewropa: **€18.00**
Sostenitur: **Offerta Libera**



# Stabat Mater

mill-Kapp. Dun Nazju Borg

## Daħla

*Stabat Mater* huwa t-titlu ta' innu bil-Latin li jfisser "Wieqfa kienet l-Omm". Dan l-innu bil-Latin jikkonsisti f'għoxrin strofa li jfissru n-niket tal-Verġni Mqaddsa Marija taħt is-salib ta' Binha.

L-i*Stabat Mater Dolorosa* hu meqjus wieħed mill-aqwa seba' innijiet bil-Latin ta' kull żmien li għandha l-Knisja. Huwa bbażat fuq il-profezija ta' Xmun li sejf kellu jinfed qalb Ommu Marija (Lq 2:35). Dan l-innu jaf l-oriġini tiegħu fis-seklu tlettax, fi żmien il-glorja tad-devozzjoni Franġiskana lejn Kristu Msallab. Dan l-innu hu attribwit lill-Papa Innoċenz III (✝ 1216), lil San Bonaventura, jew, l-aktar komuni, li Jacopone ta' Todi (1230-1306), li huwa meqjus minn ħafna bħala l-awtur ta' dan l-innu.

Dan l-innu huwa marbut ukoll mal-*Via Crucis*. Fl-1727 tpoġġa bħala sekwenza fil-Liturġija tal-Kelma fil-Quddiesa tas-Seba' Duluri ta' Marija li kienet tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Settembru u fil-ġimgħa qabel il-ġimgħa Mqaddsa. Dan l-innu hu wkoll użat fil-Liturġija tas-Sigħat.

## Aċċenn spiritwali

In-Nisrani tas-seklu għoxrin jista' faċilment jidentifika ruħu mad-Duluri ta' Marija. Il-messaġġ tal-i*Stabat Mater* jiffoka fuq ir-rabta spiritwali u emozzjonali li tgħaqqad lil Marija mal-Insara kollha fil-mewt ta' Binha fuq is-salib. Minn din ir-rabta kull Nisrani jagħraf il-kompassjoni u l-qdusija kbira f'Marija. Din l-Omm qaddisa, bil-preżenza u s-sehem tagħha ma' Binha fis-sagrifiċċju tas-Salib, turi l-interess matern u kompassjonali fil-ġenerazzjonijiet Insara.

Hemm rabta ta' omm mal-iben li tgħaqqad lil Marija ma' Ġesu` tul l-esperjenza tat-tbatija u tal-mewt. Ir-rabta qawwija bejn l-omm u l-iben turi s-sehem ta' Marija fit-tbatija ta' Binha. Marija hija Omm tad-Duluri preċiżament għax Binha Ġesu` jerfa' fuq spallejh id-dnubiet tad-dinja fil-passjoni u l-mewt tiegħu. Bħala dixxiplu fidil tiegħu, din l-Omm tistedinna biex ngħaqqdu t-tbatijiet tagħna ma' tagħha.

Bħala l-Omm tad-Duluri, Marija tfakkarna li l-Insara huma msejħa biex permezz tat-talb,

is-sawm u s-sogħba tad-dnubiet ipattu għad-dnubiet tagħhom u tad-dinja. Din l-Omm tad-Duluri tkompli tgħallimna li l-ħajja ta' dejjem tinkiseb billi kull wieħed u waħda minna jieħu sehem fit-tbatijiet u l-mewt ta' Kristu fuq is-salib.

Is-sehem ta' Marija fil-passjoni ta' Binha hu xbieha tal-misteru tal-komunita` ekkleżjali meta toffri s-Sagrifiċċju ta' Ġesu` għas-salvazzjoni tad-dinja. Kull membru tal-Knisja għandu rwol xi jwettaq biex id-dinja tasal għas-salvazzjoni sħiħa. Marija Addolorata hija skola li tgħallimna kif għandna nkunu ta' għajnuna u sapport għal xulxin. Din il-linja spiritwali tidher ħafna f'dan l-innu tal-i*Stabat Mater*.

## Il-preżenza ta' Marija fir-Randan

Kien hemm diversi diskussjonijiet fuq il-fatt li donnha kienet nieqsa l-preżenza Marjana fi żmien ir-Randan. Iżda dan ġie miċħud. Fir-Randan it-tifkira ta' Marija nsibuha f'diversi invokazzjonijiet tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar, speċjalment is-Sibt. Filfatt aħna nsejħulha "Kenn tal-Midinbin" u "Faraġ tal-Imnikktin". Il-Ġimgħa tal-Hames Ġimgħa tar-Randan, il-Missal (2002) jagħti kolletta alternattiva biex ifakkar lill-Omm fil-Passjoni ta' Binha. Marija hija msejħa "Harufa mingħajr tebgħa"; dan insibuh fit-tieni qari tal-Uffiċċju Divin ta' Ħamis ix-Xirka (Omelija ta' Militone ta' Sardi).

Fit-Tridu tal-Għid, Marija hija mfakkra fl-istrofa tal-innu *Pange lingua* li jakkumpanja l-purċissjoni Ewkaristika wara l-Quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka filgħaxija: *"Fructus ventris generosi... nobis natus ex intacta Virgine"*. Insibu wkoll il-preżenza ta' Marija fl-Innu lis-Salib nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Lil Marija wieqfa ħdejn is-salib ta' Binha u fid-difna tiegħu, kif nilmħuha f'dan l-innu tal-i*Stabat Mater*, il-Knisja tfakkarhielna fiċ-Ċelebrazzjoni tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum f'Sibt il-Għid.

Żgur li l-innu ta' l-i*Stabat Mater* huwa wieħed mit-teżori l-kbar li għandha l-Knisja, kemm mill-aspett mużikali u kemm minn dak tal-kitba. Huwa għodda adattata f'dan iż-żmien tar-Randan biex nirriflettu u nimmeditaw fuq Marija, id-dixxiplu fidil tal-Mulej, li baqgħet qribu sa taħt is-Salib fl-istennija tal-Qawmien tiegħu. Għax il-pożizzjoni tagħha, "wieqfa" taħt is-salib, qed tħabbar il-Qawmien ta' Binha mill-mewt. U hekk Marija hi tassew il-Mara tal-Fidi ♦





# Skola Marjana

minn John Formosa

## Stabat Mater Dolorosa

Dawn it-tliet kelmiet huma l-ewwel vers tal-innu popolari li ġeneralment jitkanta fil-festa tad-Duluri tal-Verġni Marija, jiġifieri l-ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira, u fil-15 ta' Settembru. B'kollox l-innu fih 20 strofa ta' tliet versi l-waħda. Huwa kkunsidrat bħala wieħed mill-ikbar seba' innijiet bil-Latin ta' kull żmien. L-innu hu bbażat fuq il-profezija ta' Xmun meta qal lil Marija li s-sejf tad-dulur kellu jniffed il-qalb tagħha (Lq 2,35).

L-innu kellu bidu fis-seklu 13 meta d-devozzjoni Franġiskana għal Ġesu` Msallab kienet fl-aqwa tagħha. L-innu kien attribwit lill-Papa Innoċenz III (✝ 1216) u lil San Bonaventura (1221-1274), kif ukoll lill-poeta Franġiskan Jacopone da Todi (c. 1230-1306). Imma ħafna jżommu li l-awtur veru tal-innu hu propju dan tal-aħħar.

L-innu *Stabat Mater Dolorosa* spiss huwa assoċjat mal-*Via Sagra*. Fl-1727 ġie mdaħħal bħala Sekwenza għall-Quddiesa tas-Seba' Duluri ta' Marija, kif għadu sal-lum. Minbarra f'din il-Quddiesa, l-innu huwa wkoll użat fl-Uffiċċju tal-Qari, fil-Lawdi u l-Vespri għal dakinhar.

L-innu ġie mmużikat minn mużiċisti famużi, fost dawn insemmu lil Giovanni Palestrina, Giovanni Battista Pergolesi, Franz J. Haydn, Gioacchino Rossini u Antonin Dvorak. Lejn tmiem is-seklu 14, dan l-innu kien ġa magħruf ħafna, kif jikteb dwaru fl-1388 Georgius Stella. Fi Provence (Franza), fl-1399 kien jitkanta matul id-disat ijiem proċessjonijiet li kienu jsiru marbutin mat-tbatijiet ta' Ġesu` u Marija.

### *Stabat Mater Speciosa*

Hemm innu ieħor importanti bil-Latin li għandu xebh mal-i*Stabat Mater Dolorosa*. Dan aktarx li kien ukoll miktub mill-istess Jacopone da Todi. Imma dan it-tieni innu hu ddedikat lill-ferħat ta' Marija u hu bbażat fuq it-twelid ta' Ġesu`, u filfatt jismu ***Stabat Mater Speciosa***, mill-ewwel kelmiet tiegħu bil-Latin, li jfissru "l-Omm sabiħa kienet wieqfa". B'kollox dan it-tieni innu fih 22 strofa ta' tliet versi l-waħda. Huma ħafna dawk li jżommu li l-i*Stabat Mater Dolorosa* huwa aktar qawwi u ferm aktar magħruf mit-tieni innu.

L-innu *Stabat Mater Speciosa* deher fl-edizzjoni tal-poeżiji bit-Taljan ta' Jacopone da Todi li ħarġet fl-1495. F'dik l-edizzjoni filfatt insibu ż-żewġ *Stabat Mater*; imma l-i*Speciosa* kienet kważi ntesiet għal kollox sakemm imbagħad reġgħet dehret stampata f'Pariġi fl-1852 fil-ktieb *Poètes Franciscains en Italie au Treizième siècle*.

Anki dan it-tieni innu ġie mużikat diversi drabi;hu kien ukoll ta' ispirazzjonigħal diversi innijiet (*carols*) tal-Milied.

## Jacopone da Todi



Jacopone Benedicti (jew Benedetti) twieled f'Todi, l-Italja, ħabta tal-1230; hu miet f'Collazzone fl-1306. Ftit waslilna tagħrif fuq ħajtu. Aktarx li kien avukat; ta' żagħżugħ iżżewweġ lil Vanna, bint il-Konti ta' Collemedio, imma romol ta' 32 sena, għax, waqt festa pubblika f'Todi, martu mietet meta l-palk li kienet fuqu ċeda u spiċċat mgħaffġa taħtu. Ftit qabel mietet, hi wrietu ċilizzju li kienet tilbes taħt l-ilbies għani tagħha biex tpatti għall-ħajja ħażina li hu kien qed jgħix. Dan ġieb bidla kbira f'ħajtu u ngħaqad bħala fratell fl-Ordni Franġiskan. Ħalla ħafna kitbiet, l-aktar innijiet u poeżiji bil-Latin. Dante jfaħħar li Jacopone fid-*Divina Commedia* tiegħu. ♦



# TISLIMA

## lill-Qaddej tas-Santwarju Ta' Pinu

Nhar il-Ġimgħa 18 ta' Frar 2011 il-Mulej sejjaħ għal għandu lil **Dun Manwel Spiteri**, saċerdot mill-parroċċa ta' Ta' Sannat. Dun Manwel, li miet fl-eta` ta' 77 sena, b'mod regolari kien jagħti s-servizz tiegħu lis-Santwarju Ta' Pinu. Għal dawn l-aħħar għaxar snin huwa kien wieħed mill-konfessuri u għalhekk żgur li nistgħu nsejħulu qaddej u amministratur fidil tal-Ħniena u l-Imħabba ta' Alla. Tassew li nistgħu ngħidu li huwa kien xhud ta' ħafna mirakli li seħħu fis-skiet tal-konfessjonarju. Min jista' jgħodd il-persuni li, permezz tal-ministeru saċerdotali tiegħu u tat-tbissima li dejjem kellu fuq fommu, irnexxielhom jiksbu mill-ġdid il-ferħ u l-paċi ta' Alla f'qalbhom! Iva, għaliex l-akbar mirakli li jseħħu fis-Santwarju Ta' Pinu mhumiex dawk fiżiċi imma spiritwali. Kemm persuni daħlu f'Ta' Pinu jfittxu s-serħan tal-qalb, oħrajn ġew ifittxu kelma ta' faraġ u ta' kuraġġ, kelma li tgħinhom jerġgħu jsibu t-triq fil-mixja tagħhom lejn Alla! Dan il-ministeru Dun Manwel wettqu bi mħabba kbira lejn il-Madonna Ta' Pinu, u ngħid ukoll b'sagrifiċċju. Matul l-Erbgħat kollha tal-Assunta, Dun Manwel kien ikun lest fil-konfessjonarju sa mill-4.30 a.m. biex jilqa' l-ewwel pellegrini li jiġu fi ħdan il-Madonna Ta' Pinu, u bir-raġun għalhekk nistgħu nsejħu lil Dun Manwel ukoll qaddej tal-Verġni Mbierka.

Għażiż Dun Manwel, f'isem dawk kollha li inti ħabbibthom ma' Alla, nixtieq ngħidlek GRAZZI. Strieħ issa fis-sliem tar-Ragħaj Divin u mis-Sema kompli kun ta' gwida għal dawk kollha li huma mitlufa fit-triq tal-ħajja, għinhom iqumu u jimxu lejn Alla, biex fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni jsibu mill-ġdid it-triq tal-paċi vera!

Dun Gerard Buhagiar
*Rettur*



# Litanija tas-Seba' Duluri tal-Verġni Marija

**miktuba mill-Beatu Kardinal John Henry Newman**

*Għal kull invokazzjoni nwieġbu:*
*"Itlob għalina"*

Omm tad-Duluri *Itlob għalina*
Omm li qalbek ġiet minfuda b'sejf ta' dulur
Omm li kellek taħrab b'Ġesù tarbija lejn l-Eġittu
Omm li għaddejt tlitt ijiem imnikkta tfittex lil Ġesù mitluf
Omm li rajt lil Ibnek ifflaġellat u nkurunat bix-xewk
Omm li kont wieqfa ħdejn Ġesù mislub fuq is-salib
Omm li lqajt lil Ġesù mejjet fi ħdanek
Omm li rajt lil Ibnek midfun fil-qabar
O Marija, Sultana tal-martri
O Marija, faraġ ta' min hu mnikket
O Marija, għajnuna ta' min hu dgħajjef
O Marija, qawwa ta' min hu mbeżża'
O Marija, dawl ta' tama għal min qata' jiesu
O Marija, kenn tal-midinbin

*Għal kull invokazzjoni nwieġbu:*
*"Bit-talb tiegħek salvana"*

Bil-Passjoni ħarxa ta' Ibnek Ġesù *Bit-talb tiegħek salvana*
Bl-uġigħ li nifidlek lil qalbek
Bin-niket kbir li kellek iġġarrab
Bid-dulur xħin ħassejtek waħdek u deżolata
Bil-ħniena tiegħek ta' Omm
Bir-rassenjazzjoni perfetta tiegħek
Bit-talb tiegħek kollu merti

*Għal kull invokazzjoni nwieġbu:*
*"Eħlisna u salvana"*

Mid-dwejjaq żejda *Eħlisna u salvana*
Mill-biża' esaġerat
Minn temperament bla sabar
Mill-ansjetà żejda u n-nuqqas ta' kuntentizza
Mill-gdiedem u l-melankonija
Mid-disperazzjoni u n-nuqqas ta' fidi
Min-nuqqas ta' ndiema fi tmiem ħajjitna

*Għal kull invokazzjoni nwieġbu:*
*"Ismagħna, o Verġni Marija"*

Lilna midinbin *Ismagħna, o Verġni Marija*
Eħlisna mill-mewt sobtu
Għallimna kif nagħmlu mewta tajba
Għinna fl-aħħar agunija
Ħarisna mill-għadu tagħna
Agħtina mewta qaddisa
Aqlgħalna l-grazzja tal-perseveranza sal-aħħar
Idħol għalina quddiem it-tribunal ta' Alla
Omm Alla
Omm l-aktar addolorata
Omm l-aktar deżolata ◆

*Mill-ktieb ta' John Henry Newman,* Selected spiritual writings, *editjat minn Laurence C.S. Cunningham, New City Press, USA. Traduzzjoni għall-Malti ta' George Cassar.*



# Stabat Mater (1)

*(Kitba letterarja ta' Alfons Marija Galea li dehret fl-1904 fis-sensiela "Kotba tal-Mogħdija taż-żmien" u mbagħad ġiet riprodotta fl-antoloġija ta' proża u poeżiji "Ward ta' Qari Malti" miġbura minn P.P. Sajdon u Ġ. Aquilina, edizzjoni 1976, pp 40-42)*

Kienet lejla waħxija tax-xahar ta' Marzu tas-sena 1306. Ir-riħ ivenven minn ġo xquq it-twieqi, donnu leħen u nigħi[2] ta' xi erwieħ mitlufa fl-imsaġar ta' madwar id-dar tar-rħieb ta' Ġieżu ta' Callazoni fl-Italja. Il-qniepen bdew idoqqu, u t-tin ton, tin ton tagħhom jinstema' fil-bgħid mir-rħula ta' dawk l-inħawi fil-ħemda ta' dħul il-lejl; dlonk instemgħu wkoll il-qniepen tar-rħula fil-qrib idoqqu l-Angelus.

Fid-dar tar-rħieb jidher inemnem id-dawl tat-twieqi; ir-rħieb ħarġu miċ-ċelel biex jiltaqgħu fil-knisja; jitolbu kliem xejn, ebda ħoss tal-qorq fuq iċ-ċlamit[3] tal-kurituri.[4]

Il-ksieħ, il-lejl waħxi; u rħieb qalbhom dejqa u mbikkija, għax awl il-lejl[5] dehrilhom li semgħu xi ħsejjes u tnehid fil-knisja, li kisrilhom ngħashom u regħixhom[6]. Mnejn dak it-tinwiħ? Mnejn dawk il-ħsejjes li donnhom ta' xi ruħ tibki u toloq? Xi wħud ħasbuhom ġejjin mill-oqbra fil-ġnejna; oħrajn mill-knisja... bħal fil-bgħid...fil-bgħid. Xi wieħed dehirlu wkoll li sama' orgni jdoqq waqt li l-erwieħ kienu jkantaw b'leħen li silitlu qalbu.

Xħin ir-rħieb inġemgħu l-knisja għall-Matutin, il-Gwardjan fetaħ fommu u b'leħen għoli hekk tkellem: "Aħwa għeżież tiegħi, nitolbu 'l Alla l-Imbierek li jgħarrafna x'inhu dan it-tinwiħ, li ġie hawn jikser il-ħemda ta' din id-dar tat-talb u tat-tewba.[7] Nitolbu lil Sidtna Omm Alla li llum nagħmlu t-tifkira ta'meta ratu jmut fuq is-salib imqaddes, li tħenn għalina u taqilgħelna minn għand Binha Ġesu` li aħna qegħdin nitolbu."

Kollha mixħutin wiċċhom fl-art, qabdu jitolbu bi ħrara u ħerqa l-iżjed kbira. Wara ftit, wieħed xwejjaħ fosthom, resaq quddiem il-Gwardjan u qallu: "Missier, għandi l-fehma li l-leħen u l-biki, li awl il-lejl ma ħalliniex norqdu, mhux ħiereġ minn xi qabar, bħalma ħasbu xi wħud fostna, iżda ġej minn xi wieħed minn ħutna. Jekk tistaqsi min hu aktarx tkun taf minnufih."

Il-Gwardjan baqa' bejn iva u le daqsxejn waħda; ħasibha, qalilhom jixegħlu x-xama' kollha, għaddhom biex jara jekk kienx jonqos xi ħadd fosthom. Kif ra li kulħadd hemm miġbur, staqsiehom jekk xi ħadd minnhom jaħti b'dan it-tinwiħ tal-ljieli li għaddew, jersaq quddiemu u jistqarr quddiem kulħadd għaliex għamlu.

Kienu għadhom dawn il-kelmiet jidwu mal-knisja, f'dik il-ħemda tal-lejl, xħin raheb,



imdaħħal fiż-żmien, resaq quddiem il-Gwardjan, qala' l-barnuż minn fuq rasu u b'għajnejh fl-art, qallu: "Missier, jien hu dak li inti qiegħed tfittex."

Għajnejn kulħadd daru fuqu, u minn taħt il-lsien bdew jgħidu lil xulxin: "Fra Jacopone...minn Todi! Hu, kos hu! Dak il-Qaddis ta' Fra Jacopone...il-ħabib ta' Dante! Dak li dejjem ifaħħar il-faqar Imqaddes...dak li jħobb id-Duluri...min jaf liema kant qiegħed jikteb, daqs kemm jikteb ħelu..." Fra Jacopone ma qalx kelma oħra: reġa' tafa' l-barnuż fuq rasu, bies l-art, dlonk mar għall-orgni. Għajnejh kienu mixgħulin bin-nar tal-għerf u ta' l-imħabba, rasu donnha mdawra bid-dija.

Dak il-ħin, b'għaġeb tar-rħieb kollha, l-orgni reġa' beda jdoqq b'leħen ta' ksir il-qalb; wiċċ Fra Jacopone xegħel bid-dija, fetaħ fommu u beda:

*Stabat Mater dolorosa*
*Juxta crucem lacrymosa*
*Dum pendebat Filius*

*Cuius animam gementem,*
*Contristatam et dolentem,*
*Pertransivit fladius.*

Kulħadd issa beda jitkexkex, għax mal-leħen ta' Fra Jacopone, il-vara tad-Duluri donnha bdiet titħarrek, waqt li l-ħnejjiet tal-knisja gotka nstemgħu jtennu dawk il-kelmiet ta' niket kbir u biki imweġġgħa għall-aħħar. Issa, għajnejh kollha dmugħ merfugħa lejn il-vara tad-Duluri, Fra Jacopone, bilkemm iżomm it-tnehid, baqa' sejjer ikanta:

*O Quam tristis et afflicta,*
*Fuit illa benedicta*
*Mater Unigeniti!*

*Quae maerebat et dolebat,*
*Pia Mater dum videbat,*
*Nati poenas inclyti.*

U hekk, qalbu tħabbat, bħal wieħed bil-biża' li jinsab quddiem l-Imħallef fuq kollha, Fra Jacopone baqa' sejjer ikanta. Daqqa jżommlu n-nifs għal kollox u daqqa leħnu jogħla. Dlonk jisfar lellux, donnha għaddiet il-mewt minn fuqu; subgħajh ibbesulu; leħnu nħanaqlu u ntefa hu u jgħid l-aħħar kelmiet:

*Quando corpus morietur,*
*Fac ut animae donetur*
*Paradisi gloria.*

*"Paradisi gloria!"* Din l-aħħar nota li ħarġet minn fommu. Fra Jacopone żżerżaq minn fuq is-siġġu u bla ħoss ta' xejn waqa' fl-art. Resqu minnufih għal fuqu r-rħieb, refgħuh u ħaduh fiċ-ċella tiegħu. Tlett ijiem wara, ruħ il-qaddis li kiteb l-i*Stabat Mater* taret lejn is-Sema tkanta dak l-innu sabiħ, li hu ħalla b'wirt tiegħu lill-Knisja Mqaddsa. ♦

---

**Noti**

(1) Kitba ħiemda u li tolqot il-qalb b'mewġa ħelwa ta' swied il-qalb. L-innu tal-knisja *Stabat Mater* kitbu Jacopone minn Todi (1228-1306) li wara l-mewt ta' martu fis-sena 1278 telaq id-dinja, daħal patri ta' San Franġisk, u għex ħajja ta' qaddis.
(2) *Nigħi:* ġej minn negħa, jingħi...bħal biki minn beka, jibki.
(3) *Ċlamit:* madum
(4) Perjodu maħdum bis-sengħa, għax dawk is-sentenzi maqtugħa minn xulxin iġegħluk tħoss aktar il-ħemda u l-waħx ta' dik il-lejla.
(5) *Awl il-lejl:* il-lejl ta' qabel.
(6) *Regħixhom:* regħidhom; kexkixhom.
(7) *Tewba:* penitenza.



# Marija fil-Mużika (5)

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu

**"Wieqfa kienet imbikkija l-Omm ħdejn Binha fit-tbatija, fuq salib imdendel!"**

Huwa verament f'waqtu li peress li din il-pubblikazzjoni qed tasal f'idejkom fiż-żmien liturġiku tar-Randan Imqaddes, nitkellmu dwar l-innu *Stabat Mater Dolorosa* li jitkanta f'dan iż-żmien tas-sena b'tifħir u glorja lill-Verġni Mqaddsa Marija Addolorata. Dan l-innu nkiteb fis-seklu tlettax u huwa attribwit lill-Franġiskan Jacopone da Todi u Innoċenz III. Matul is-sena l-Knisja tiċċelebra żewġ festi f'ġieħ id-Duluri ta' Ommna Marija Santissma: l-ewwel waħda hija festa ta' devozzjoni li niċċelebraw fil-jum tal-Ġimgħa qabel Ħadd il-Palm, filwaqt li t-tieni waħda hija l-festa propja li taħbat fil-15 ta' Settembru - fl-ottava tal-festa tat-Twelid tal-Verġni Marija u l-għada tal-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes.

Jeżistu diversi kompożizzjonijiet mużikali fuq it-test ta' dan l-innu li jingħad jew jitkanta bħala sekwenza qabel il-versett tal-Hallelujah fil-Liturġija tal-Kelma ta' din it-tifkira obbligatorja. Xi kompożituri li kitbu l mużika għal dan l-innu huma Josquin des Prez, Giovanni Pierluigi da Palestrina, Giovanni Battista Pergolesi, Agostino Steffani, Giovanni Carlo Maria Clari, Emanuele d'Astorga, Winter, Raimondi, Vito, Lanza u Neukomm. Fis-seklu dsatax, Gioacchino Rossini kiteb l-arranġament mużikali tiegħu wara li kien irtira mill-kompożizzjoni tal-opri filwaqt li Antonin Dvorak kitbu meta kien għadu attiv fil-kompożizzjoni ta' mużika sekulari. Il-parti l-kbira tat-test użat huwa bil-Latin, iżda l-arranġamenti ta' Karol Szymanowski u Paul Bebenek huma bil-Pollakk.

F'dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa lejn xi kompożizzjonijiet eżistenti ta' dan l-innu. L-ewwel *Stabat Mater* li nafu biha hija miktuba bin-notazzjoni Gregorjana u tinsab fil-*Liber Usualis* li huwa ġabra ta' innijiet liturġiċi miktuba b'dan l-istil. Xogħlijiet oħrajn huma:

- *Stabat Mater, Opus 58* (Antonin Dvorak) – din il-kompożizzjoni hija miktuba għal Kor b'erba' vuċijiet (SATB) bl-akkumpanjament mużikali ta' żewġ flawtijiet, tliet *oboes*, żewġ klarinetti, żewġ fagotti, erba' *horns*, żewġ kurunetti, tliet trumbuni, *tuba*, *timpani,* vjolini primi, vjolini sekondi, vjolas, vjolinċelli u kontrabaxxi. Dan ix-xogħol inkiteb fis-sena 1877 u ndaqq għall-ewwel darba fi Praga nhar it-23 ta' Diċembru 1880. Ġie ppubblikat għall-ewwel darba f'librett fl-1881. Dvorak iddedika din il-kompożizzjoni lis-Soċjeta` tal-Mużiċisti ta' Praga (Prager Tonkünstler Societät).
- *Stabat Mater* (Giovanni Pierluigi da Palestrina) – din hija biċċa xogħol mużikali miktuba fuq l-istil Rinaxximentali għal tmien vuċijiet SATB. Il-poeta Ġermaniż Tieck




irrimarka li meta sema' din il-kompożizzjoni, huwa kellu jimsaħ id-dmugħ li qabiżlu minn għajnejh waqt il-frażi *Vidit suum dulcem natum*.

- *Stabat Mater* (Giov. Battista Pergolesi) – din hija kompożizzjoni miktuba fuq l-istil Barokk għal żewġ vuċijiet (soprani u kontralti) akkumpanjati mill-istrumenti tal-korda u *continuo*. Ix-xogħol huwa maqsum fi tnax-il sezzjoni.

- *Stabat Mater* (Gioacchino Rossini) – din il-kompożizzjoni hija miktuba għal solisti, kor b'erba' vuċijiet u orkestra. Ġiet miktuba fl-1842 fuq l-istil Romantiku u fiha għaxar sezzjonijiet.

- Il-kompożitur ċelebri Franz Schubert għandu żewġ kompożizzjonijiet fuq l-innu *Stabat Mater*, wieħed *Opus D. 175* u l-ieħor *Opus D. 383*. L-ewwel kompożizzjoni nkitbet bejn l-4 u s-6 ta' April 1815 fuq l-iskala mużikali *G Minor*. It-tieni waħda nkitbet fit-28 ta' Frar 1816 fuq l-iskala mużikali *F Minor*. Iż-żewġ xogħlijiet ġew ippubblikati għall-ewwel darba fl-1888 mil-librettista Friedrich Gottlieb Klopstock (1724-1803) u huma miktuba għal solisti, kor b'erba' vuċijiet, orgni u orkestra. Interessanti ngħidu li t-test tat-tieni kompożizzjoni huwa miktub bil-lingwa Ġermaniża – jiġifieri t-test oriġinali bil-Latin ġie tradott għall-Ġermaniż biex hekk Schubert seta' joħloq armonija mużikali fuq it-traduzzjoni tat-test.

- *Stabat Mater* (Lorenzo Perosi) – din hija kompożizzjoni miktuba fuq l-istil tal-bidu tas-seklu għoxrin u ppubblikata għall-ewwel darba fl-1906, ftit aktar minn mitt sena ilu. Hija mitkuba għal kor b'żewġ vuċijiet bl-akkumpanjament tal-orgni *ad libitum*.

- *Stabat Mater* (Joseph Haydn) – dan ix-xogħol ġie miktub fl-1767 u esegwit għall-ewwel darba fi Vjenna, l-Awstrija, nhar il-25 ta' Marzu 1768, solennita` tat-Tħabbira tal-Mulej. Ix-xogħol huwa maqsum fi tnax-il sezzjoni u miktub fuq l-iskala mużikali *G minor* bl-istil Klassiku. Ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-1782 (*vocal score*) u fl-1783 (*full score*). Dan l-innu huwa miktub għal erba' vuċijiet (SATB), żewġ *oboes*, żewġ *English horns*, strumenti tal-korda u orgni.

- *Stabat Mater* (Luigi Boccherini) – jeżistu żewġ verżjonijiet ta' din il-kompożizzjoni mużikali. It-tnejn huma maqsumin fi ħdax-il sezzjoni. L-ewwel verżjoni nkitbet fl-1781 għal sopran u strumenti tal-korda, filwaqt li t-tieni verżjoni nkitbet fl-1800 għal tliet



vuċijiet akkumpanjati mill-istrumenti tal-korda. Din il-verżjoni ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fis-sena 1801.

- *Stabat Mater* (Matteo Falloni) – innu miktub fuq l-istil modern fl-1996. Huwa ndaqq għall-ewwel darba fis-17 ta' Marzu 1997. Din il-kompożizzjoni hija mmużikata għal kor maskili, vjolin, vjola, vjolinċell, kontrabaxx u orgni *ad libitum*.
- *Stabat Mater* (Giuseppe Verdi) – din hija kompożizzjoni miktuba bl-istil Romantiku u ppubblikata għall-ewwel darba fl-1898.
- *Stabat Mater* (William Hunt) – din il-kompożizzjoni ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fl-1886, u hija maqsuma fi tnax-il sezzjoni b'dedika lil William Pole (1814-1900) u John Steiner (1840-1901). Din il-biċċa xogħol hija miktuba fuq l-istil tal-era Romantika għal erba' vuċijiet, orkestra u orgni jew pjanu.
- *Paraphrase on Rossini's Stabat Mater, Opus 89* (Smith Sydney) – miktuba fuq l-istil tal-era Romantika, ippubblikata għall-ewwel darba fl-1870 b'dedika lil Mrs Sharp (Darlington Hall). Il-kompożitur inqeda b'dan ix-xogħol biex jesponi s-sbuħija mużikali tal-pjanu b'passaġġi veloċi li jinkludu kuntrasti dinamiċi.
- *Méditation sur le Stabat Mater* (Alexandre Guilmant) – din hija kompożizzjoni miktuba fuq l-iskala mużikali *A Minor*, ippubblikata għall-ewwel darba fl-1886 b'dedika lil Monsieur le Comte P. Chandon de Briailles. L-istrumentatura hija orgni, żewġ *oboes*, żewġ klarinetti, żewġ fagotti, żewġ *horns*, vjolini primi, vjolini sekondi, vjola, vjolinċell u kontrabaxx.

Barra dawn il-kompożizzjonijiet ta' fama internazzjonali, huwa bix-xieraq li f'din ir-rubrika nsemmu xi mużiċisti Maltin li wkoll ħallewlna arranġamenti fuq l-innu *Stabat Mater*. Nixtieq insemmi lil Giuseppe Caruana u lis-Surmast Vincenzo Caruana Spiteri. L-ewwel wieħed tana *Stabat Mater* mill-isbaħ għal sopran u kor akkumpanjati mill-orgni. It-tieni wieħed, is-Surmast Vincenzo Caruana Spiteri, kien imwieled Ħal-Luqa, u għal diversi snin kien Surmast Direttur tal-*Għaqda Mużikali Sant'Andrija* tal-istess lokalita'. Dan is-surmast huwa msemmi għal bosta xogħlijiet mużikali li kiteb matul ħajtu. F'Jannar 1924, huwa rregala lis-Soċjeta' Mużikali *Sant'Andrija* l-innu *Stabat Mater Dolorosa* immużikat għall-istrumenti tal-banda u kor tat-tfal. Dan l-innu huwa ta' valur mużikali kbir u għadu ta' kull sena jindaqq fil-festi tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dan is-surmast kellu rabtiet kbar mal parroċċa ta' Santa Margerita f' Ta' Sannat, Għawdex, li lilha rregala bosta xogħlijiet mużikali fosthom l-Antifona *Veni Sponsa Christi* li ta' kull sena għadha tiġi esegwita fil-jiem tal-festa titulari ta' Santa Margerita V.M. fir-raba' Ħadd ta' Lulju.

Kompożituri oħrajn li tawna arranġamenti mużikali mill-isbaħ tal-innu *Stabat Mater Dolorosa* huma John Browne, Marc-Antoine Charpentier, Antonio Vivaldi, Charles Villiers Stanford, Charles Gounod, Krzysztof Penderecki, Francis Poulenc, Alessandro Scarlatti (1724), Domenico Scarlatti (1715), Pedro de Escobar, Vladimir Martynov u Frank Ferko (1999).

Id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija wieqfa ħdejn is-Salib tal-Mulej għandha għeruq mill-aktar sodi fil-Knisja Kattolika. Il-figura ta' Marija, Sultana tal-Martri, mhux biss hija figura predominanti fl-arti tal-pittura iżda wkoll ispirazzjoni kontinwa lill-mużiċisti li, matul il-medda tas-snin, tawna xogħlijiet mill-aqwa biex bihom ifaħħru permezz tal-istrumenti mużikali u tal-kant lil din l-Omm tas-Sema. ♦

***Riferenzi:***

(i) Pellegrino Santucci, *La Madonna nella Musica* (1983).

(ii) Charles Cooper, *The Seven Great Hymns of the Medieval Church* (1868).

(iii) Girolamo Abbos, Joseph Vella Bondin, *Stabat Mater, Volume 68* (2003).



# Il-Kelma tal-Papa

## Marija Addolorata

### 1. Kristu bata f'ġismu, Marija batiet f'ruħha

- Il-Madonna fuq il-Kalvarju ssiġillat (ikkonfermat) l- "IVA" li lissnet f'Nazareth.
- Magħquda ma' Kristu, li hu x-Xhud tal-Imħabba tal-Missier, Marija ġarrbet il-martirju f'ruħha.

*(Angelus, 25 ta' Marzu 2007)*

### 2. Imsieħba fil-Passjoni ta' Kristu

- Marija bil-fidi tagħha akkumpanjat lil Binha sa ħdejn is-Salib
- Hi li fil-pjan t'Alla ġiet imsieħba fit-tbatijiet ta' Kristu Binha, qatt ma tgħeja tħeġġiġna biex ngħixu u naqsmu b'fiduċja u tama l-esperjenza tat-tbatija u tal-mard billi noffruhom b'fidi lill-Missier Etern.
- U hekk intemmu f'ġisimna dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu (Kol 1, 24).

*(Diskors, 11 ta' Diċembru 2007)*

### 3. It-Testment ta' Ġesu`

- Fil-Vanġelu ta' San Ġwann naqraw kif Ġesu` lil Marija tahielna bħala Omm tagħna lkoll.
- L-Insara ta' kull żmien laqgħu bil-qalb dan it-Testment ta' Ġesu`.
- Għand din l-Omm dejjem sabu dik is-sigurta` u dik it-tama fiduċjuża:
  - li tnissel fihom ferħ f'Alla
  - u tagħmilhom ferħana fil-Fidi.
- Jalla nilqgħu lil Marija aħna wkoll bħala l-Kewkba li tmexxi lil ħajjitna.

*(Omelija, 12 ta' Settembru 2006)*

### 4. Marija ħaddnet lil Ġesu` f'Betlehem u fuq il-Kalvarju

- Marija li ħaddnet f'dirgħajha l-Feddej f'Betlehem, ġarrbet ukoll martirju interjuri f'qalbha.
- Hi qasmet u ġarrbet miegħu l-Passjoni u għal darb'oħra aktar tard ħaddnitu f'dirgħajha, meta niżżluh mejjet minn fuq is-Salib.
- Lill-Omm li ġarrbet il-ferħ fi twelidu u l-qsim il-qalb f'mewtu:
- Ejjew nafdawlha f'idejha lil dawk li huma ppersegwitati u qed ibatu b'kull mod biex jagħtu xhieda u jaqdu l-Vanġelu.

*(Angelus ,26 ta' Diċembru 2006)*

### 5. Il-Qalb li l-aktar tixbah lill-Qalb ta' Kristu

- Fil-Qalb tal-Feddej, aħna naduraw:
  - l-Imħabba li Alla għandu għall-bnedmin kollha,
  - ix-Xewqa li għandu li kulħadd isalva
  - il-Ħniena infinita tiegħu.

Fost il-qlub kollha, il-Qalb l-aktar li tixbah lill- Qalb ta' Kristu, bla dubju ta' xejn hija l-Qalb ta' Marija, l-Omm tiegħu bla tebgħa.

*(Angelus, 5 ta' Ġunju 2005)*

## 6. Marija tbati magħna

- Imsieħba fis-Sagrifiċċju ta' Kristu, Marija Addolorata, li ħdejn is-Salib tbati ma' Binha Ġesu`, tinħass qrib dawk kollha li jduru mal-morda, li huma l-membri li jġorru fuqhom il-marki tal-Passjoni ta' Kristu.

- Marija:
  - tbati ma' dawk li huma mġarrbin
  - tittama flimkien magħhom
  - tfarraġhom billi twężinhom bl-għajnuna tagħha ta' Omm.

*(Messaġġ, 2 ta' Jannar 2008)*

## 7. Marija preżenti fuq il-Kalvarju u f'kull Quddiesa

- Marija, preżenti fuq il-Kalvarju biswit is-Salib, hija wkoll preżenti mal-Knisja u bħala Omm il-Knisja, f'kull ċelebrazzjoni Ewkaristika (f'kull Quddiesa).

*(Ecclesia de Eucarestia, 57)*

## 8. Fit-Tqarbin "l-AMEN" tagħna tkun tixbah lill-"IVA" ta' Marija

- Meta nirċievu t-Tqarbin Imqaddes, bħal Marija u f'għaqda magħha, aħna wkoll inħaddnu l-Għuda tas-Salib ta' Ġesu` (bi mħabbtu biddel is-salib f'għuda ta' salvazzjoni) u nlissnu "l-Amen", "l-Iva" tagħna lil Kristu, li hu l-IMĦABBA, li ssallab u rxoxta.

*(Angelus, 2 ta' Settembru 2005)*



## 9. Tgħallmu minn Marija

- Inħeġġiġkom biex tħobbu lil Omm il-Mulej. Agħmlu kif għamel San Ġwann, ilqgħuha fil-qalb ta' qalbkom. Ħallu li tiġġeddu kontinwament mill-imħabba tagħha ta' Omm. Tgħallmu minnha kif tħobbu lil Ġesu`.

## 10. Marija, Omm kollha Ħniena

- Il-kliem "Ara hawn hi Ommok" li Ġesu` Msallab qal lid-dixxiplu Ġwanni u permezz tiegħu lid-dixxipli kollha, iseħħu mill-ġdid f'kull ġenerazzjoni. Marija saret tassew Omm dawk kollha li jemmnu. L-irġiel u n-nisa ta' kull żmien u ta' kull pajjiż jirrikorru għand din l-Omm kollha ħniena...
  - fil-ħtiġijiet u fl-aspirazzjonijiet tagħhom,
  - fil-ferħ u fin-niket,
  - meta huma weħidhom u meta jkunu flimkien.

(Enċiklika *Deus Caritas Est,* 42)



# Stabat Mater Dolorosa

Rev. Emanuel Magro

*At the Cross her station keeping,*
*stood the mournful Mother weeping,*
*close to her son to the last.*

*Through her heart, His sorrow sharing,*
*all His bitter anguish bearing,*
*now at length the sword has passed.*

*O how sad and sore distressed*
*was that Mother, highly blest,*
*of the sole-begotten One.*

*Christ above in torment hangs,*
*she beneath beholds the pangs*
*of her dying glorious Son.*

*Is there one who would not weep,*
*whelmed in miseries so deep,*
*Christ's dear Mother to behold?*

*Can the human heart refrain*
*from partaking in her pain,*
*in that Mother's pain untold?*

*For the sins of His own nation,*
*She saw Jesus wracked with torment,*
*All with scourges rent:*

*She beheld her tender Child,*
*Saw Him hang in desolation,*
*Till His spirit forth He sent.*

*O thou Mother! fount of love!*
*Touch my spirit from above,*
*make my heart with thine accord:*

*Make me feel as thou hast felt;*
*make my soul to glow and melt*
*with the love of Christ my Lord.*

*Holy Mother! pierce me through,*
*in my heart each wound renew*
*of my Savior crucified:*

*Let me share with thee His pain,*
*who for all my sins was slain,*
*who for me in torments died.*

*Let me mingle tears with thee,*
*mourning Him who mourned for me,*
*all the days that I may live:*

*By the Cross with thee to stay,*
*there with thee to weep and pray,*
*is all I ask of thee to give.*

*Virgin of all virgins blest!,*
*Listen to my fond request:*
*let me share thy grief divine;*

*Let me, to my latest breath,*
*in my body bear the death*
*of that dying Son of thine.*

*Wounded with His every wound,*
*steep my soul till it hath swooned,*
*in His very Blood away;*

*Be to me, O Virgin, nigh,*
*lest in flames I burn and die,*
*in His awful Judgment Day.*

*Christ, when Thou shalt call me hence,*
*by Thy Mother my defense,*
*by Thy Cross my victory;*

*While my body here decays,*
*may my soul Thy goodness praise,*
*Safe in Paradise with Thee.*

Translation by Edward Caswall
*Lyra Catholica* (1849)

Could there be any suffering greater than that of a mother seeing her son dying a most horrible, humiliating and abhorrent death? Could there be any agony greater than that of a mother watching helplessly her son grasping for breath? Could there be any perplexing and vexing question greater than that of a believing mother pondering her son's dying as the ultimate sacrifice for the salvation of the human race?

Mary went through one of the most agonizing experience of human suffering. She stood at the foot of the cross on which her son hung. Her gaze was upwards toward the one whom she bore as the Son of God and whose kingdom will have no end. Now he is nailed to a cross grasping for breath; giving his life in ransom for many. She is speechless, dismayed, flabbergasted. And yet, she is full of hope that her son's story does not end with the cross.

The *Stabat Mater* attempts to capture the emotions that Mary had as she witnessed the death of her Son. The author, most probably Pope Innocent III (1161 - 1216), invites us to empathize with Mary. He wants us to feel Mary's pain and suffering and make it our own. We are to stand with her and look at the cross. We are to cry with her and let the sword that pierced her motherly heart rend asunder our own hearts. With her we are to keep silent and let Jesus' passion and death take hold of our souls.

The description of Mary's agony that this poem provides motivates us to appreciate and reflect that our salvation and redemption was not won by gold, but by the shedding of Jesus' blood. Jesus' passion and death was a messy and bloody enterprise that Jesus willingly accepted as his ultimate sacrifice for the forgiveness of sins. He let his mother share in his sacrifice. Jesus' death meant our life; his suffering our redemption; his resurrection our salvation. We are to be grateful for all that he endured for our sake. We are to pause and in the silence of our hearts let Jesus' passion and blood illuminate our lives.

Mary's endurance and willingness to be next to her son in his passion and death encourages us to lead a worthwhile and meaningful life by avoiding sin, doing penance, repairing what we have done wrong, strengthening our desire and commitment to do good, and by always seeking to do God's will even under adverse circumstances. She invites us to trust in God, even when life turns ugly on us and we can no longer understand God's ways. She, fully blessed and filled with God's Holy Spirit, did drink of the cup of suffering. We believe that through her intercession we will have the strength to accept our pain and suffering and after this earthly life join her in heaven in the presence of her Son.

Mary, Mother of Sorrows, pray for us.♦

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



miġbura minn
**Ivan Attard**

## OTTUBRU 2010

**Is-Sibt, 9:** Illum sar il-Ftuħ tas-Sena Soċjali tal-Azzjoni Kattolika. Filgħaxija saret it-talba tar-Rużarju fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu u ġiet iċċelebrata Quddiesa tal inawgurazzjoni ta' din is-sena ta' ħidma mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.

**Is-Sibt, 16:** Saret Quddiesa bil-preżentazzjoni taċ-ċkejken Matthew Micallef f'għeluq l-ewwel sena minn twelidu b'radd il-ħajr mill-ġenituri tiegħu. Mexxa ċ-ċelebrazzjoni l-W.R. Mons. Joseph Sultana, arċipriet tal-parroċċa tal-Viżitazzjoni fl-Għarb.

**Il-Ħadd, 17:** Saret Quddiesa li fiha ġie ċċelebrat is-Sagrament tal-Magħmudija ta' Ylenia Zammit Cini, bint Domenic Zammit u Francine Cini. Iċ-ċelebrant kien il-W.R. Kan. Reuben Micallef, arċipriet tal-parroċċa ta' Marija Assunta, iż- Żebbuġ, Għawdex.



***Pellegrinaġġi:***

**It-Tnejn, 4:** Numru ta' persuni żaru lill-Madonna Ta' Pinu u talbu l-għajnuna tagħha skont l-intenzjonijiet tajba tagħhom.

**L-Erbgħa, 6:** Dun Alfred Sciberras OFM mexxa Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, fejn iċċelebra l-Ewkaristija.

Fl-istess jum, grupp ta' Taljani żaru lill-Madonna fil-Kappella tagħha.

**Il-Ħamis, 21**: Pellegrinaġġ minn grupp ta' Franċiżi mill-parroċċa ta' Aix en Provence.

**Il-Ġimgħa, 22**: Pellegrinaġġ mill-membri li jnaddfu l-knisja parrokkjali ta' Burmarrad. Iċċelebra l-Quddiesa l-Kappillan Patri Donald Bellizzi.

**Il-Ġimgħa, 29**: Pellegrinaġġ mid-Djoċesi ta' Birmingham.

**Il-Ħadd, 31**: Saċerdot mill-Indja żar is-Santwarju u kellu kliem ta' tifħir għas-sbuħija tat-tempju u għad-devozzjoni kbira li tgawdi f'Malta l-Madonna Ta' Pinu.

## NOVEMBRU 2010

**It-Tnejn, 1**: Solennita` tal-Qaddisin Kollha. Patri Pawl Attard OFM iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu b'ringrazzjament f'għeluq il-Ġublew tal-Fidda mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

Filgħaxija, fis-6.30pm, saret Konċelebrazzjoni Solenni biex tfakkar is-sittin anniversarju mill-Proklamazzjoni tad-Domma tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija, titular tas-Santwarju tagħna. Iċċelebra l-Ewkaristija r-Rettur Dun Gerard Buhagiar flimkien mas-saċerdoti l-Kan. Mikiel Galea, u l-Kan. Edward Vella. Il-kant kien animat mill-Kor *Stella Maris* taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro Carmel P. Grech.

**It-Tlieta, 2**: Tifkira Solenni tal-Erwieħ tal-Purgatorju. Fil-Quddies kollu li ġie ċċelebrat fis-Santwarju, sar talb għas-suffraġju tal-fidili mejtin kollha b'mod partikolari għall-benefatturi mejtin tal-istess Santwarju.

**It-Tnejn, 8**: Is-saċerdot novell, Dun Robert Galea, iċċelebra Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla għad-don tas-Saċerdozju Ministerjali. Dun Robert ġie ordnat saċerdot minn idejn l-E.T. Mons. Pawlu Cremona, Arċisqof ta' Malta, nhar il-Ġimgħa 5 ta' Novembru 2010 fil-knisja parrokkjali ta' San Ġiljan (Malta). Hu ser ikun qed jaqdi l-Ministeru tiegħu fid-Djoċesi ta' Sandhurst fl-Awstralja.

**Il-Ħadd, 14**: Saret Quddiesa li fiha ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Kayla Attard, bint Anthony u Karen Attard. Is-sagrament ġie amministrat mill-arċipriet taż-Żebbuġ, il-Kan. Reuben Micallef.



**It-Tnejn, 15**: Dun Nicholas Schembri MSSP mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għax-xogħol pastorali li qed iwettaq fil-missjoni tal-Peru`.

Is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu sellem il-memorja tal-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof Emeritu tad-Djoċesi tagħna, li llum għamel il-passaġġ tiegħu minn din id-dinja "għad-Dar tal-Missier" u daħal fl-eternita`. Il-Quddiesa tas-6.30pm kienet b'suffraġju għal ruħu.

**L-Erbgħa, 17**: Ir-Rettur Dun Gerard Buhagiar u s-saċerdoti li jagħtu s-servizz tagħhom fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu kienu preżenti għall-Konċelebrazzjoni Funebri li fiha ngħatat

(ikompli f'paġna 34)




# Marian Stamps from around the world

by Anthony Grech
member of the *Gozo Philatelic Society*

## Michelangelo Bonarroti 'PIETA' on Postage Stamps




The Pietà is a well loved subject in Christian art depicting the body of Jesus Christ, the Saviour taken from the Cross and placed on the lap of His sorrowing Mother, the Virgin Mary. This scene is mostly found in sculpture although there are numerous famous paintings of the same subject. La Pieta as described is also called the Lamentation of Christ, a scene from the Passion of Christ. When Christ and the Virgin are depicted accompanied by other figures, the subject is normally called in English, just Lamentation. In Italian Pieta also refers to two other representations, The Mater Dolorosa (Mother of Sorrows) and the Stabat Mater (Here stands his Mother).

The 'Pieta' subject know its beginning from Germany. Called in German 'Vesperbild' the Pieta was a common and loved subject in 1300. By 1400 the Pieta reached Italy and Central Europe and became a popular subject both in sculpture and in paintings.

### THE FAMOUS 'PIETA' BY MICHELANGELO

A famous example of the Pieta is the one sculpted by Michelangelo. Everyday thousands of tourists from all over the world visit this great masterpiece which is found in St. Peter's Basilica in the Vatican City. Compared to other earlier 'pietas' the body of Christ is differently depicted, while the Virgin is seen as a youthful and a repose mother, rather than a sorrowing older woman found in most Pietas of earlier periods.




Michelangelo by depicting the Mother of God as a youthful and beautiful woman wanted to send a message. All beauty comes from God and Mary is the closest of all things to Him.

## THE PIETA ON POSTAGE STAMPS - A SELECTION

Several countries issued a stamp or miniature sheet depicting the famous PIETA by Michelangelo Bonarroti.

## REPUBLIC OF ARGENTINA-1951




This stamp was issued on 22 December 1951. It depicts the sculptured image of the famous 'Pieta' by Michelangelo from a side view. It was issued by the Republic of Argentina with a value of 245 Pesos and an additional 755 Pesos. The surtax was to go in favour of Eva Peron Foundation. This Foundation was a charitable foundation founded by Eva Peron. She was a great political leader and was seen as Spiritual Leader of the Nation of Argentina. The Foundation operated between 1948 to 1955.

When Eva's husband Juan was elected President in 1945, Social welfare in the country was very poor. Eva who was born into the working class knew a lot about this. Most charity work was undertaken by the Sociedad de Beneficencia. The orphans of the Society had their heads shaved and had to wear blue smocks. At Christmas time they were put out onto the streets of Buenos Aires with collecting tins. Traditionally the chairpersons of this society was the Papal Nuncio to Argentina and the First Lady. When Evita became the First Lady on her husband's election to



the Presidency, the Society refused to extend the invitation to her. The Society brought up several excuses; Evita was too young; it was a disgrace for the First Lady to act as a Charity chairperson, etc. Evita became furious and effectively brought the Society to an end. With the words ''It is time for real Social Justice'' she created her own foundation.

## MINIATURE SHEET – PIETA- REPUBLIC OF TUKMENISTAN

Probably the most beautiful stamp/s depicting the masterpiece of Michelangelo Bonarroti 'LA PIETA' was issued by the Republic of Turkmenistan (page 28). The republic is found in Central Asia and is one of the Turkic states. Until 1991, it was a constituent republic of the Soviet Union. One of the six independent Turkic states, it is bordered by Afghanistan, Iran , Uzbekistan , Kazakhstan and the Caspian Sea .

It possesses the world's fourth largest reserves of natural gas resources. Natural resources abound in this country but most of it is covered by a black sand desert.

***The Post in Turkmenistan.*** Before the 26 April 1992, when its first Postage stamp was issued, Soviet Union stamps were used by this republic.

The government keeps close control over postal communications. As a routine Parcels and letters are opened by customs officials and delivery is unreliable.

***The Stamps/ Miniature Sheet.*** This miniature sheet was printed in 1999 and issued in 2000.It depicts the whole image of Michelangelo's 'LA PIETA'. The miniature sheet is made up of 9 stamps, each with a common value of 120.00M. Each stamp shows a part of the statue. Although some of the stamps are difficult to recognize when seen alone, others are not just recognizable but quite beautiful, while the whole miniature sheet is spectacular.




## ITALY 1954

To mark the end of the Marian Year 1954 the Italian Postal Administration issued a set of 2identical stamps with different values. The brown and buff stamp had a value of 25 Lire and the black and cream with a value of 60 lire. The stamps were issued on 31 December 1954. Each stamp features the beautiful young head of the Madonna as sculpted by Michelangelo.

## VATICAN CITY - 1964

On the occasion of New York world fair the Vatican City issued a set of 2 stamps. The 50 Lire stamp shows a detail of the 'Pieta', while the 2.50 Lire stamp depicts a close up detail of the same Pieta by Michelangelo.



## 1973

On the occasion of the 40th International Eucharistic Congress which took place in Melbourne Australia in 1973, the Vatican Postal Administration issued a set of 3 stamps on 27 February 1973. The stamps depict the Melbourne Cathedral, The logo of the Congress and a close up image of the Virgin Mary face by Michelangelo. This stamp carried a value of 75 Italian Lire and was printed in Green, Red and Black. Together with the wording XL CONGRESSO EUCARISTICO INTERNAZZIONALE, the words MELBOURNE 1973 were printed on the image itself.




## FUJEIRA

This beautiful miniature sheet was issued by Fujeira in 1971. It shows the whole statue of the Pieta.
Fujeira or Fujairah is one of the seven emirates that make up the United Arab Emirates, and the only one on the Gulf of Oman in the country's east instead of Persian Gulf . In 1902, Fujairah accepted a British protectorate, becoming the last of the emirates to join the Trucial States.

On 2 December 1971, Fujairah joined the United Arab Emirates.

## GIBRALTAR

A set of 3 stamps (page 29) was issued by Gibraltar in 1975 to commemorate the 500 anniversary from the birth of the Italian painter, sculptor, architect, poet, and engineer, Michelangelo Bonarroti. The stamps show work of sculpture by Michelangelo. One of the stamps depicts the Pieta in white marble colour on a black background. On the left of the statue, just behind the Dead Christ, the stamp designer included a halo in purple and white colours. This, together with the black background make the stamp sober, yet majestic in appearance.




## AJMAN

Ajmân or Ujman is one of the seven emirates constituting the United Arab Emirates (UAE). It is just 260 square kilometres. This makes it the smallest emirate.




## MOZANBIQUE - 2002

Mozambique, officially the Republic of Mozambique is a country in southeastern Africa Vasco da Gama explored the area in 1498. The area was colonized by Portugal in 1505. Mozambique became independent in 1975, and became the People's Republic of Mozambique shortly after. It was the scene of an intense civil war lasting from 1977 to 1992.

(ikompli minn paġna 29)

l-aħħar tislima lill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Il-korteo funebri telaq fit-3.00pm mill-Kurja Veskovili lejn il-Katidral ta' Marija Assunta fejn fl-3.45pm beda Pontifikal Funebri mmexxi mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, assistit minn ħames isqfijiet oħra. Mons. Cauchi ġie midfun fil-Kappella tar-Relikwi Mqaddsa fil-Katidral tal-Assunta.





**It-Tnejn, 22**: Il-W.R. Dun Franġisk Saliba ċċelebra Quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla fl-okkażjoni ta' jum għeluq sninu.

Dun John Curmi mill-parroċċa taż-Żurrieq iċċelebra Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla u lill-Madonna għall-grazzji li kontinwament ixerrdu fuqna. Quddiesa bl-istess intenzjoni ġiet iċċelebrata l-għada mis-saċerdoti Dun Anthony u Dun John Buhagiar.

**Il-Ħamis, 25**: Il-Kan. Simon Sciberras iċċelebra Quddiesa b'ringrazzjament u tifħir lil Alla u lill-Madonna u b'talb ta' għajnuna fil-mard u d-diffikultajiet tal-ħajja.

***Pellegrinaġġi:***

**Il-Ħamis, 4**: Saret Quddiesa għal grupp ta' pellegrini minn Malta b'ringrazzjament lil Alla għall-grazzji mxerrda fuqna permezz tal-ħajja ta' Suor Carmen Bugeja OSA li marret tiltaqa' mal-Ħallieq Divin fil-ġimgħat li għaddew.

**It-Tlieta, 9**: Pellegrinaġġ minn grupp ta' Ġermaniżi lejn is-Santwarju.

**L-Erbgħa, 10**: Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem.

**It-Tlieta, 16**: Il-komunita` parrokkjali ta' San Ġużepp fil-Kalkara żaret is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu fejn ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-W.R. Mons. Salv Pace.

**Il-Ġimgħa, 19**: Padre Pio Marto ċċelebra l-Ewkaristija għal grupp ta' Portugiżi mill-parroċċa tiegħu f'Fatima.

## DIĊEMBRU 2010

**Il-Ħadd, 5**: Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' ringrazzjament f'għeluq l-għaxar anniversarju mit-twaqqif ta' *Dar Arka*. Iċ-ċelebrazzjoni li bdiet fil-11.15am tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, assistit mill-W.R. Mons. Manwel Curmi, direttur tad-*Dar Arka*, il-W.R. Kan. Michael Galea, assistent direttur, u żewġ saċerdoti anzjani li ġew apposta għal din l-okkażjoni. Preżenti għal din il-Quddiesa kien hemm diversi persuni b'diżabbilita` flimkien mal-familji tagħhom. Kien hemm preżenti wkoll

l-Onorevoli Ministru Giovanna Debono. Il-kant kien animat mill-Kor *Nativitas* immexxi mis-Sur Ivan Attard.

Filgħaxija ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija lit-tarbija Julian Xuereb, iben Miriam u John Xuereb, mill-parroċċa tal-Viżitazzjoni fl-Għarb. Iċċelebra l-Quddiesa r-Rettur tas-Santwarju, Dun Gerard Buhagiar.

**It-Tlieta, 7**: Lejlet is-solennita` tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Verġni Marija saret il-Velja tal-Immakulata fis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Iċ-ċelebrazzjoni bdiet b'Quddiesa bl-omelija fis-6.30 p.m. u kompliet b'siegħa ta' talb, qari mill-Iskrittura Mqaddsa u kant Marjan. Saret ukoll purċissjoni qasira fil-Knisja lejn l-altar tal-Kunċizzjoni fejn tkanta l-*Vestis Honoris*, innu ta' ġieħ lill-Verġni Marija miktub minn San Ġorġ Preca.

**It-Tnejn, 13**: Jum is-solennita` tad-79 Anniversarju mid-Dedikazzjoni tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu. Fis-6.30pm saret Quddiesa kantata biex tfakkar dan l-anniversarju. Din tmexxiet mir-rettur Dun Gerard Buhagiar, u kienet animata mill-Kor *Nativitas*.

**It-Tlieta, 14**: Id-Djoċesi ta' Għawdex fakkret il-memorja tal-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi f'għeluq l-ewwel xahar mill-mewt tiegħu. Fis-6.30pm saret Konċelebrazzjoni Funebri li tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech.



Il-Quddiesa kienet animata mill-Kor *Nativitas* immexxi mill-organista Ivan Attard u fiha kkonċelebraw 28 saċerdot Għawdxi.

**L-Erbgħa, 15**: Bdiet in-Novena bi tħejjija għas-solennita` tat-Twelid ta' Sidna Ġesu` Kristu. Kull filgħaxija, fis-6.30pm, saret Quddiesa bi ħsieb qasir.

**Il-Ġimgħa, 24**: Lejlet il-Milied. Fil-11.30pm saret purċissjoni bix-xbieha ta' Ġesu` Bambin u li tqiegħed fil-maxtura taħt l-altar tal-Bażilika. Dan il-Bambin tax-xemgħa ġie maħdum u rregalat lis-Santwarju mill-Kan. Charles Vella.





Il-priedka tradizzjonali tal-Milied saret minn Carolyne Gambin. Wara ġew kantati s-Salmi tal-Uffiċċju tal-Qari tal-Milied segwiti minn Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar assistit minn Mons. Beneditt Camilleri.

Il-Liturġija Solenni tal-Milied kienet animata mill-Kor *Nativitas* immexxi mill-organista Ivan Attard.

**Il-Hadd, 26**: Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Nazareth. Waqt il-Quddies kollu tal-lum, il-familji ġew imqiegħda taħt il-protezzjoni materna tal-Madonna Ta' Pinu, Sultana tal-Familja.

**Il-Ħamis, 30**: Saret il-Magħmudija tat-tarbija Kayla Grima, bint Daniel u Kelly Grima, mill-parroċċa ta' Santa Margerita V.M., Ta' Sannat.

**Il-Ġimgħa, 31**: L-aħħar jum tas-sena 2010. Fis-6.30pm saret Quddiesa li għalqet bil-Kant tat-*Te Deum* b'radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji li huwa xerred fuqna matul din is-sena.

***Pellegrinaġġi:***

**L-Erbgħa, 1**: Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Għajnsielem.

**It-Tnejn, 13**: Pellegrinaġġ minn grupp ta' koppji mill-parroċċa ta' San Franġisk, il-Qawra. Iċċelebra l-Quddiesa Patri Ġorġ Attard OFM con.

Fl-istess jum, sar pellegrinaġġ mill-komunita` Kariżmatika *Beyond Thself,* tal-Marsa, b'ringrazzjament lill-Madonna għall-grazzji kollha li xerrdet fuq il-membri matul is-sena 2010.

Wara nofsinhar, is-saċerdoti Dun Michael u Dun Joseph Curmi iċċelebraw Quddiesa ta' ringrazzjament f'riġlejn il-Madonna Ta' Pinu fl-okkażjoni tat-tletin anniversarju miż-Żwieġ tal-ġenituri tagħhom, Peter u Maria Curmi.

**It-Tlieta, 28**: Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Santa Venera, Malta. Ġiet iċċelebrata Quddiesa fis-Santwarju tal-Madonna.

**L-Erbgħa, 29**: Grupp ta' pellegrini Taljani għamlu żjara lill-Madonna Ta' Pinu.

**Il-Ħamis, 30**: Il-grupp ta' studenti li qed jagħmlu l-esperjenza tas-Sena Propedewtika biex jiskopru s-sejħa vokazzjonali tagħhom f'Malta żaru lill-Madonna Ta' Pinu u talbu d-dawl tagħha biex jagħrfu dak li l-Mulej irid minnhom u tgħinhom f'din l-esperjenza ġdida.




# L-Għanja tal-Qaddejja
## (Il 11-il Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring, maqlub għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

### "Xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom"

"Hu wera l-qawwa ta' driegħu; xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, u għolla liċ-ċkejknin". Hawn ukoll naraw li Marija tispira ruħha mill-qdusija tat-Testment il-Qadim u l-viżjoni profonda tiegħu ta' l-istorja tas-salvazzjoni. "Il-kawża tiegħi quddiem Alla nqiegħed. Hu jagħmel ħwejjeġ kbar li ma nifhmuhomx, għeġubijiet li ma jingħaddux. Hu jagħti x-xita lill-art, u jibgħat l-ilma fuq wiċċ ir-raba'. Hu jtalla' fl-għoli lill-umli, u jqiegħed fis-sod lill-imsejknin. Huwa jħarbat il-pjanijiet ta' dawk li jilħqilhom, biex ma jirnexxix għemil idejhom. Hu jaqbad l-għorrief fil-ħażen ta' moħħhom, u l-ħsieb tal-qarrieqa jiġi fix-xejn" (Ġob 5:8-13).

Il-Verġni tal-*Magnificat* turi kemm hi falza reliġjon privatizzata. Marija hi mbiegħda minn dawk li jaħsbu biss fis-salvazzjoni personali u l-kumdità spiritwali tagħhom infushom. Marija hi s-sieħba tal-Feddej tad-dinja. Hi tiskopri t-tifsira profonda ta' l-istorja tas-salvazzjoni u speċjalment il-ġlieda bejn il-Qaddej ta' Alla, li jagħti ġieħ lil Alla kollu qdusija u ħniena, u d-dragun, l-ispirtu arroganti li juri ruħu f'persuni awtoritarji li jużaw ħażin l-awtorità tagħhom u jisfruttaw lid-dgħajjef u l-fqir. Hadd iżjed minn



Marija ma jaf tajjeb bil-ġlieda bejn żewġ stennijiet, differenti sew minn xulxin, li għandu l-poplu ta' Israel. Il-grupp tal-qassisin u l-kbarat ta' l-art qed jistennew Messija b'saħħtu, eroj nazzjonali, li jista' jitfa' lill-ġnus l-oħra kollha taħt il-qawwa tal-Lhud. Anki n-nies ta' Nazareth u xi wħud mill-qraba ta' Marija, flimkien ma' dawk li jibdew mixjin wara Kristu bħala dixxipli, jisfaw priġunieri ta' dawn l-istennijiet. Min-naħa l-oħra, Marija sa mill-bidu tgħanni b'ħajjitha kollha l-istennija vera: tal-Qaddej ta'

Alla, il-Messija li l-Missier jibgħat biex ixerred lill-imkabbra; hu jifthilna t-triq tal-fidwa bl-umiltà tiegħu li fiha imitatu Marija, il-qaddejja umli li mbagħad toqgħod taħt is-Salib tiegħu.

Kull wieħed u waħda minna għandu jeżamina l-istess storja ta' ħajtu fid-dawl tal-*Magnificat*, u speċjalment fid-dawl ta' din il-ġlieda feddejja li fiha Kristu, il-Qaddej, joħroġ rebbieħ fuq l-arroganza u l-kburija flimkien. F'din l-istes perspettiva jeħtieġ li tiġi studjata l-istorja tal-Knisja. Joħroġ ċar li l-Knisja tistagħna u ssib l-għajnuna ta' Alla kull fejn hi timxi ma' Marija, il-qaddejja, wara Kristu, il-Qaddej. Bi spirtu ta' umiltà u ħlewwa l-Knisja tista' tiġbed lejn Kristu l-kotra tal-ġnus. Jekk ma' Marija u Ġużeppi nkantaw l-għanja tal-Qaddej, aħna dejjem sa nifhmu aħjar it-tifsira profonda ta' l istorja tas salvazzjoni. Quddiem għajnejna għandu jkun hemm dejjem Ġesù, li, flimkien ma' Marija u Ġużeppi u l-*anawim*, għex il-ħajja ta' kuljum tiegħu fl-umiltà. Huma n-nies umli li jżommu d-dinja magħquda; fihom Ġesù jissokta juri ruħu.

Meta nisimgħu mill-*Magnificat* ta' Marija kemm insibuha differenti mill-istampi ffalsifikati li jwasslulna rivelazzjonijiet privati li m'humiex awtentiċi, fejn in-nies temmen li Marija wriet kif kienet tilbes hi u kkritikat il-qosor tad-dbielet tan-nisa! Marija m'hix xi ritwalista. Hi qatt m'hi sa tkellem lil xi ħadd fuq kwistjonijiet żgħar u bla sugu, imma permezz ta' l-għanja ta' ħajjitha hi tissokta tkellimna fuq it-temi l-kbar





tal-fidwa, fuq it-tħaddim umli ta' l-awtorità, fuq l-interess fil-ġid komuni, fuq il-ġustizzja u l-paċi, u fuq ir-rispett għad-dgħajfa u l-magħkusa.

*Nadurawk, Alla li int kollok*
*qaddis u setgħani,*
*għax int xerridt u dejjem*
*tibqa' xxerred lill-kburin,*
*lil dawk li jgħakksu lill-oħrajn*
*u huma inġusti.*
*Int dejjem sa tkun*
*fuq in-naħa tal-magħkusa,*
*iċ-ċkejknin u l-imwarrba.*
*Aħna nfaħħruk, għax int għollejt*
*lill-Qaddej umli tiegħek,*
*Ġesù Kristu;*
*int tajtu isem li hu fuq kull isem;*
*u int għollejt lil Marija,*
*il-qaddejja umli,*
*biex għamiltha s-Sultana tas-Sema.*
*Int għamiltha profeta setgħani.*

*O Marija, kemm int kbira,*
*kemm int glorjuża, kemm int sabiħa;*
*int għext għal kollox*
*il-misteru tas-salvazzjoni,*
*safja u bla ġejt mimsusa*
*minn kilba għall-poter.*
*Itlob għalina*
*biex il-Mulej iżommna mbiegħda*
*mit-tentazzjoni ta' l-arroganza,*
*il-vanità u l-isfruttar ta' l-oħrajn.*
*Amen.* ◆



# Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

## Ottubru - Diċembru 2010

**Informazzjoni miġbura minn Edward Depasquale**

**Għawdex:** Vella Peter, Abela Ġuża, Abela Lara, Agius Anton Apap Mario, Arrigo Group, Attard Ġorġia, Attard Antoinette, Attard Chris, Attard Jenifer & George, Attard Joan, Attard Karmenu, Attard M'Jane, Attard Rita, Azzopardi Carmen, Azzopardi Christie, Azzopardi Doris, Azzopardi Joseph, Azzopardi Rodrick, v Bajjada Lucy, Bonnici Savina, Bonnici Tessie, Borg Ġorġ, Borg Ġorġa, Borg Christine, Borg Endriana, Borg Jane, Borg John, Borg Loreta, Borg Rita, Buhagiar Renald, Busuttil Leano, Buttigieg Ġanna, Buttigieg Adeodata, Buttigieg Doris, Buttigieg Familja, Buttigieg Grace, Buttigieg Joe, Buttigieg Marija, Buttigieg Trudy & Joseph, Camilleri Joanne, Camilleri Joseph, Camilleri Josianne, Camilleri Karmnu, Camilleri Marija, Camilleri Mary, Camilleri Nancy, Camilleri Steven, Carabott Ġużepp, Caruana Denise, Caruana Jane, Cassar Clare, Cassar Melanie, Cauchi Agnes, Cauchi Carmelo, Cauchi Frans, Cauchi Josette, Cesare Rita, Cini Margaret, Curmi Ġlġa, Curmi Caroline, Curmi Teddy, Debono Carmela, Debono Michael, Debrincat Karista, Debrincat Sean, Demicoli Stephen, Dimech Rita, Farrugia Alfred, Farrugia Caroline, Farrugia Francis, Farrugia Mr. & Mrs., Farrugia Vicky, Fenech Carmen, Fiteni Joe, FormosaDoris, Galea Ġuża, Galea Alison, Galea Ginisja, Galea Mary, Galea Monica, Gatt Franco Gatt Josephine, Gatt Mary Anne, Gauci Francesco, Gauci Neil, Gauci Vicky, Grech Agnes, Grech Doris, Grech Frances, Grech Frans, Grech Joseph, Grech Klementa, Grech Marija, Grech Rose, Grima Josephine, Grima Pauline, Grima Renee & Christine, Haber Charlene, Hili Manuel , Hili Sonia, Magro Carmen, Mangion Romina, Mejlaq Mary, Mercieca Doris, Mercieca George, Mercieca Joe, Mercieca Marija, Mercieca Michael, Mercieca Roża, Micallef Emanuel, Miceli Christine, Mifsud Ġorġ, Mifsud Carmen, Mifsud Mary, Mifsud Mr. & Mrs., Mifsud Pauline, Mifsud Rita, Mizzi Mary, Muscat Carmen, Muscat Familja, Muscat Frank, Pace Monica, Parnis Catherine, Pisani Nelly, Portelli Ċetta. Portelli Charlie, Portelli Margaret, Portelli Mary, Portelli Pawlina, Randon Carmen, Saliba Jane, Sammut Doris, Sammut Maria, Schembri A, Schembri Vincent, Sciberras Margaret, Sciberras Patrick, Scicluna Marija, Spiteri Antonia, Spiteri Manuel, Stellini Charmaine, Sultana Ġanni, Sultana Anna, Sultana Cas, Sultana Charlene, Sultana Franġiska, Sultana Karmni, Sultana Mario, Sultana Michael, Sultana Paul, Sultana Rita, Tabone Rita, Theuma Grezja, Theuma Peter, Tonna Antoinette, Vassallo Carmelo, Vella James, Vella Joe, Vella Mary, Vella Michelle, Vella Rita, Xuereb Ġanni, Xuereb Carmen & Mariah, Xuereb John, Xuereb Marija, Zammit Duminka, Zammit Rita, Zerafa Sandro, Doris & Family.

**Malta:** Abela Pawlu, Abela Rose, Agius Charlie, Agius Frances, Agius William, Apap Frances, Aquilina Patrick, Arrigo Robert, Attard Carmen, Attard Doris, Attard Familja, Attard Marilyn, Attard P., Attard Sylvia, Azzopardi Elizabeth, Azzopardi Frances, Azzopardi George, Azzopardi Joe, Azzopardi Karlu, Azzopardi Kevin, Azzopardi Lawrence, Azzopardi Miriam, Azzopardi Rita, Azzopardi Victoria, Bajada Anthony, Bajada Paul, Bonavia Katerina, Bonnici Ġuża, Bonnici mary, Bonnici Paul, Bonnici Pawlu Bonnici Rita & John, Bonnici Rita, Borg Ġuża, Borg Anna, Borg Benlly, Borg Benna, Borg Christopher, Borg Miriam, Borg Rita, Brincat Elizabeth, Bugeja Janice, Bugeja Joe & Rose, Bugeja Joyce, Bugeja Tereża, Busuttil Joanne, Buttigieg Carmen, Buttigieg Josephine, Buttigieg Marita, Buttigieg Natasha, Buttigieg Paul, Cachia Peter, Camilleri Christine, Camilleri Joyce, Camilleri Kathy, Camilleri Rita, Camilleri Theresa, Cardona Albert, Cardona Carmen B., Caruana Damian, Caruana Emanuela, Caruana Louis, Casolai Cecilia Sr., Cassar Louis, Catalja John, Cauchi Eugenio, Cefai Salvina, Cesare Tiziana, Chetcuti Filomena, Chetcuti Maria Assunta, Chetcuti Sunta, Cini Doreen, Cini Josephine, Cini Mary, Cordina Frances, Cremona Christian, Cremona Marija, Curmi Edward, Curmi Toni, Curtajar Catherine, Cutajar Domenick, Cutajar Laura, Debattista Katie, Debono Carmel, Debrincat Vince, Decelis Charles, Delia Marianna, Dimech Joe, Duff Ian, Eyre Joe, Falzon Charmaine, Falzon Salvatore, Fanciulli Ronnie, Farrugia Margaret, Farrugia Rose, Farrugia Sharon, Fenech Charlie, Fenech Familja, Fenech Marie, Formosa Doris, Francalanza Joseph, Galea Anthony, Galea Esther, Galea Jesmond, Galea Joseph, Galea Teddy, Gambin Familja, Gatt Joseph, Gatt

(Ikompli f'paġna 40)



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

## Ottubru - Diċembru 2010

Għawdex: Attard Julia, Cauchi Mariette Debono Kian, Gatt Mariah, Micallef Matthew,

Malta: Abela Casidy, Abela Ylenia, Agius Jaid. Agius Yona, Aquilina Ayrem, Aquilina Jane, Axisa Katrina, Axisa Nathan, Azzopardi Luke, Bajjada Matthias, Bonello Chloe, Bonnici Matthias, Borg Alenya, Bugeja Elisha, Camilleri Miguel, Camilleri Sam, Caruana Michael Gabriel, Cassar Emma, Chetcuti Kyra, Cilia Anthea, Cilia Debono Patrick, Cini Dantey, Cini Soraya, Cutajar Nicole', Desira Maja, Falzon Matthew, Farrugia Zak, Fenech Lea, Fenech Milie, Fisher Ashton, Fisher Haisen, Fisher Jade, Gauci Lydon Luje, Mizzi Dejun, Mizzi Thomas-James, Sapiano Mireille, Scicluna Faith, Spiteri Fiteni Alexander, Usman Ganni, Vella Gabriel, Vella Javen, Zammit Ella, Zammit Marthon.

Ewropa: Fenech Haydn, Fenech Laurence, Fenech Nathan, Langner Falk Robin.

(ikompli minn paġna 39)

## Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema

Legio, Gatt Manwel, Gatt Raymonda, Gatt Rose, Gatt Victoria, Gauci Carmen, Gauci Doris, Gauci Joe, Gauci Vicky, Govi Alfred, Grech Jacquelene, Grech Mary, Grech Maurice, Grech Paul, Grech Toni, Grima Carmen, Grima Marija, Grima Renato (Fr), Grima Toni, Howe Grace, Licari Lourdes, Lukacihova Galova Lucia, Magro Manwel, Magro Maria, Mangion Anthony, Meilaq Mary Anne, Mercieca Benny, Micallef Alfred, Micallef Angela, Micallef Jane, Micallef Josanne, Micallef Joseph, Micallef Rita, Micallef Ryan Lee, Mifsud Alfreda, Mifsud Connie, Mifsud Denise, Mifsud Elizabeth Mifsud Familja, Mintoff Angela, Mizzi Mary, Muscat Alfred, Muscat Emily, Muscat Frank, Muscat Marthese, Muscat Rose Mary, Paris John, Pirotta Carl, Piscopo Julie, Piscopo Angela, Portelli Ġanna, Portelli Jane, Portelli Marija, Portelli Mary & Michael, Portelli Nata, Puli Mary, Refalo Ġużeppa, Said Grace, Said Kurunata, Saliba Ġużeppa, Saliba M'Anne, Saliba Nicholas, Sammut Jane, Sammut Joe, Sammut Pacifico, Scerri Anette, Schembri Andre, Schembri Charles, Sciberras Marija, Scicluna Rita, Spiteri Anthony, Spiteri Doris, Spiteri Familja, Spiteri Koronata, Spiteri Manuel (Fr), Spiteri Familja, Sultana Antonia, Sultana Carmel, Sultana Charlene, Sultana Marianne, Sultana Maryanne, Sultana Peter, Tabone Doris, Tabone Emanuel, Tabone Rita, Tabone Sam, Vasallo Kelina & Joe Vasallo Rita, Vassallo Joe, Vassallo Lino, Vella Ġużi, Vella Margaret, Vella Monica, Vella Vicky, Xerri Familja, Xerri Rita, Xuereb Carmen, Young Meggie, Zammit Familja, Zammit Maria, Zarb Nazzarenu, Zarb Rene, Zerafa Frances (Sr.), Angie, Franco, Joe Anny & Mary, Karmnu, Michael.

**Amerika:** Anastasi Familja, Attard Josephine, Attard Marianne, Azzopardi Esther, Azzopardi Jane, Borg Anthony, Camilleri Denise, Cassar Margaret, Casuti Gorgina, Ciantar Julie, Cremona Lina, Farrugia Serafina, Formosa George, Formosa Joseph, Grech Frans, Grech John, Grech Marija, Hariri Al., Hili Charlie & Lucy, Hili Joseph, Mifsud Mr. & Mrs., Muscat Carmen, Muscat Josephine, Said Doris, Saliba Patricia, Tabone Rita & Joseph.

**Awstralja:** Apap Josephine, Aquilina Tereza & Laurie, Attard Anne, Attard Family, Attard Frank & Doris, Axiaq Maria, Azzopardi Marija, Azzopardi T., Bugeja Adrian, Buttigieg Joseph, Callejja Margaret, Camerford Josey, Carabott Frances, Caruana Rita, Cauchi Carmen, Cauchi Salvina, Cauchi Patrick, Dane Family, Debono Josephine, Farrugia Angela, Farrugia Joseph & Angela, Fenech Carmen, Formosa Familja, Galea Jonathan, Galea Teddy & Antoinette, Gauci Marija, Inguanti Pina, Kettoola Nazeeha Bajoory, Magro Familja, Manon Lola, Meilak Richard, Mercieca Marija, Micallef Ashley, Micallef Frieda, Micallef Mary, Mintoff Marianne, Mizzi Josette, Mizzi Marija, Mizzi Melikssa, Muscat Elizabeth, Muscat Familja, Muscat Victoria, Pace Koli, Pace Michael, Portelli Mr. & Mrs., Rapa Josephine, Said Fren' & Gerita, Said Tereża, Saliba M'Anne, Sammut Loreta, Sammut Mary, Sammut Vincenzo, Shippers Ġuża, Shippers Carmen, Sorbello Rita & Angela, Spiteri Joyce, Spiteri Mary, Stagno Ġiġa, Stellini Carmen, Sultana Maryanne, Sultana Tona, Tabone Jane, Tarsins Shianne, Theuma Kelina, Vella Carmen, Vella Charlie, Vella Evelyn, Vella Helen, Vella Vicky, Xerri Salvina, Zammit Dolora, Zammit Josephine, Zammit Tereża, Zammit Victor, Zardo Margaret, Ċetta, Kathy & Jimmy, Kelinu & Frances, Michelle, Joan & Frieda, Rita.

**Ewropa:** Borg Joseph, Buontempo Valeria, Busuttil Familja, Callus Grace, Camilleri Karmenu, Donghi Valentine, Elizan Jane, Hayes Caroline, Lane Vicky, May Doris, Mercieca John, Modha Dr., Sprangles C & P., Sprangles Damyan, Sprangles Marvin, Than Tereża, David, Emma.

# PROGRAMM TAL-ĠIMGĦA MQADDSA FIS-SANTWARJU TA' PINU



**Ħadd il-Palm**
**17 ta'April 2011**

**8.30am.** Tifkira tad-Daħla ta' Ġesu' f'Ġerusalemm

**Ħamis ix-Xirka**
**21 ta'April 2011**

**6.00pm.** Ċelebrazzjoni Solenni ta' l-Ikla tal-Mulej.
**8. 00pm.** Visti fl-Artal tar-Repożizzjoni

**Il-Ġimgħa l-Kbira**
**22 ta'April 2011**

**3.30pm.** Ċelebrazzjoni tal-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesu' Kristu.

**Sibt il-[illegible]**
**23 ta'April 2011**

**9.00am [illegible]gha ta' l-Omm, [illegible]razzjoni Marjana.** [illegible]ja tingħaqad ma' [illegible] fi stennija tal-[illegible]en ta' Kristu. Imexxi [illegible] ta' Għawdex, l-Eċċ. [illegible] Mons. Mario Grech.

**8.30pm [illegible] Solenni [illegible]id il-Kbir** [illegible] huwa l-aktar lejl [illegible]anti fil-ħajja tan-[illegible] In-nisrani jishar [illegible] sa ma' jseħħ [illegible]mien ta' Kristu billi [illegible]bra l-Ikla ta' l-Għid, [illegible]istija.

**[illegible]ADD il-[illegible]**
**[illegible] ta'April 2011**

[illegible]għodu: 6.15; 8.30; 10.00
[illegible] 11.15
[illegible]axija: 5.00

*L-Animazzjoni [illegible] kant matul il-Ġimgħa Mqaddsa ser tkun mill-Schola Cantorum Jubilate*


Via Sagra Djoċesana
fuq l-Għolja ta' Għammar
immexxija minn
Mons. Mario Grech,
Isqof ta' Għawdex
Il-Ħadd,
10 ta' April 2011
6.30pm
Kulħadd mitlub iġib
xemgħa miegħu
Is-Siegħa
ta' l-Omm
ĊelebrazzjoniMarjana
fis-Santwarju Ta' Pinu
Imexxi Mons. Mario Grech,
Isqof ta' Għawdex
Sibt il-Għid,
23 ta' April 2011
9.00am
Xandira diretta fuq Radju Marija
NEWSPAPER POST